

Rapport Speċjali

**L-appoġġ mill-UE  
għall-prevenzjoni  
u r-restawr ta' ħsara  
għall-foresti kkawżata  
minn nirien u diżastri  
naturali huwa  
mmaniġġjat tajjeb?**



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: [eca-info@eca.europa.eu](mailto:eca-info@eca.europa.eu)  
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA  
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

ISBN 978-92-872-1569-7  
doi:10.2865/083154

© L-Unjoni Ewropea, 2015  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

**Rapport Speċjali****L-appoġġ mill-UE  
għall-prevenzjoni  
u r-restawr ta' ħsara  
għall-foresti kkawżata  
minn nirien u diżastri  
naturali huwa  
mmaniġġjat tajjeb?**

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

## Paragrafu

### Abbrevjazzjonijiet u glossarju

#### I – IX Sommarju eżekuttiv

#### 1 – 16 Introduzzjoni

##### 1 – 2 Il-funzjoni protettiva tal-foresti

##### 3 – 7 Nirien u diżastri naturali

##### 4 – 5 Nirien

##### 6 – 7 Tipi oħra ta' diżastri

##### 8 – 10 Il-politika ta' żvilupp rurali: strument ewlieni għall-protezzjoni tal-foresti tal-UE

##### 11 – 16 L-appoġġ taħt iż-ŻR għar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni (il-Miżura 226)

#### 17 – 20 Ambitu u approċċ tal-awditjar

#### 21 – 74 Osservazzjonijiet

##### 21 – 42 Parti I - L-azzjonijiet ta' prevenzjoni ma kinux immirati biżżejjed

##### 22 – 29 Il-Kummissjoni ma kellhiex ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-ħtiġijiet fl-apparovazzjoni tal-PŻR

##### 30 – 35 Nuqqasijiet fil-proċess tal-għażla fil-livell tal-Istati Membri

##### 36 – 42 Il-finanzjament ma kienx allinjat mar-riskji u l-ħtiġijiet identifikati

##### 43 – 54 Parti II - Instabu azzjonijiet li ma kinux xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-miżura

##### 43 Min-natura tagħhom, l-azzjonijiet awditjati ġeneralment ikkontribwixxew għall-objettivi tal-Miżura 226, madankollu...

##### 44 – 47 ... ingħata appoġġ għal xi azzjonijiet għall-forestrija, mhux marbuta ma' diżastri naturali

##### 48 – 49 Ma setgħux jiġu vverifikati r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ewlenin għal xi tipi ta' operazzjonijiet implimentati

##### 50 – 52 Ingħata appoġġ għal toroq tal-foresti fejn il-benefiċċju partikolari għall-prevenzjoni tan-nirien ma ntweriex ...

##### 53 – 54 ... u jista' jkun hemm effetti sekondarji ambjentali negattivi mingħajr kunsiderazzjoni adegwata tal-kundizzjonijiet lokali

- 55 – 64 **Parti III - Il-kosteffettività tal-azzjonijiet iffinanzjati ma ġietx żgurata b'mod adegwat**
- 55 – 60 Ir-raġonevolezza tal-ispejjeż mhux dejjem intweriet
- 61 – 64 Sitwazzjonijiet speċifiċi li jippreżentaw riskju ta' appoġġ pubbliku eċċessiv
- 65 – 74 **Parti IV - L-għodod ta' monitoraġġ ma jippermettux lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw b'mod adegwat l-effiċjenza u l-effettività tal-miżura**
- 66 – 67 L-għodda ta' monitoraġġ disponibbli
- 68 – 70 Indikaturi insuffiċjenti għall-kejl tal-ilħuq tal-oġġettivi
- 71 – 72 L-ewalwazzjonijiet ta' nofs il-perjodu huma ta' utilità limitata
- 73 – 74 L-effettività ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni ma tkejlitx b'mod adegwat
  
- 75 – 81 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

**Anness I — Allokazzjonijiet ta' riżorsi finanzjarji għall-miżura 226**

**Anness II — Lista ta' operazzjonijiet eżaminati**

**Risposti tal-Kummissjoni**

**Art imsagħgra oħra:** Art ta' aktar minn 0,5 ettari mhux klassifikata bħala foresta. Hija għandha kopertura ta' qċaċet ta' 5 sa 10 fil-mija, jew kopertura ta' siġar, arbuxxelli u buxxijiet ta' aktar minn 10 fil-mija. Hija ma tinkludix art li hija prinċipalment taħt użu ta' art agrikola jew urbana.

**Assi:** Grupp koerenti ta' miżuri b'għanijiet speċifiċi li jikkontribwixxu għal wieħed mill-oġettivi jew aktar tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali. Fil-perjodu 2007-13, il-Miżura 226 kienet tagħmel parti mill-Assi 2, li għandu l-għan li jtejjeb l-ambjent u l-kampanja.

**CMEF:** Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni

**Diżastru naturali:** Avveniment li jseħħ b'mod naturali, ta' natura bijotika jew abijotika, li jwassal għal disturbji importanti fl-istrutturi tal-foresti, li eventwalment jikkawża ħsara ambjentali u ekonomika importanti.

**EFFIS:** Sistema Ewropea tal-Infurmazzjoni dwar Nirien fil-Foresti. Database stabbilita mill-Kummissjoni, li fiha infurmazzjoni rilevanti għall-monitoraġġ tal-okkorrenza u l-impatt ta' nirien fil-foresti fil-livell tal-UE. Id-*data* sservi biex jiġi prodott rapport annwali dwar nirien fil-foresti fl-Ewropa u fil-pajjiżi ġirien.

**FAEŻR:** Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Il-FAEŻR huwa l-istrument finanzjarju prinċipali tal-politika ta' ŻR. Flimkien mal-FAEG (Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija), il-FAEŻR huwa wieħed miż-żewġ strumenti finanzjarji tal-PAK.

**Foresta:** Żona ta' art b'medda ta' aktar minn 0,5 ettari b'siġar għoljin aktar minn 5 metri u kopertura ta' qċaċet aktar minn 10 fil-mija, jew siġar li kapaċi jilħqu dawn il-limiti *in situ*. Hija ma tinkludix art li hija prinċipalment taħt użu ta' art agrikola jew urbana<sup>1</sup>.

**Ħtieġa:** Opportunità jew diffikultà rilevanti għal gruppi jew reġjuni kkonċernati, li l-intervent pubbliku għandu l-għan li jindirizza.

**Miżura 226:** Appoġġ taħt il-FAEŻR għar-rikostruzzjoni (restawr) tal-potenzjal tal-foresti (forestrija) u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni<sup>2</sup>.

**Miżura:** L-unità bażika ta' ġestjoni tal-programmi, li tikkonsisti f'sett ta' operazzjonijiet simili ffinanzjati permezz ta' baġit definit b'mod preċiż.

- 1 L-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 322M, 2.12.2008, p. 305)
- 2 L-Artikolu 48 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-FAEŻR (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

**Operazzjoni:** Proġett magħżul skont il-kriterji u li jiġi implimentat mill-benefiċjarju, inkluż għadd ta' azzjonijiet relatati mal-objettivi tal-appoġġ.

**PAK:** Politika Agrikola Komuni

**PŻR:** Programm tal-Iżvilupp Rurali. Dokument imħejji minn Stat Membru jew reġjun, u approvat mill-Kummissjoni, għall-ippjanar tal-implimentazzjoni tal-politika ta' ŻR.

**UE:** Unjoni Ewropea

**ŻR:** Żvilupp Rurali

## I

Il-foresti Ewropej huma mhedda minn nirien, li ġeneralment huwa minħabba azzjoni intenzjonali jew negliġenti tal-bniedem u minn diżastri naturali inklużi diżastri abijotiċi (eż. tempesti tar-riħ, nixfiet, għargħar, valangi, eċċ.) u dawk bijotiċi (pesti, mard).

## II

Il-Qorti eżaminat jekk l-appoġġ taħt il-FAEŻR għar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija f'foresti li saritilhom il-ħsara minn diżastri naturali u nirien u għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni (il-“Miżura 226”) kienx ġie mmaniġġjat tajjeb u kienx kiseb ir-riżultati intenzjonati b'mod kosteffettiv. Din il-miżura kienet disponibbli fil-perjodu ta' program-mazzjoni 2007-2013 taħt l-Assi 2 li kien jimmira lejn l-użu sostenibbli mill-art tal-forestrija bħala mod biex jittejjeb l-ambjent u l-kampanja fl-UE. Fi tmiem l-2012, l-appoġġ totali taħt il-FAEŻR ipprogram-mat għall-Miżura 226 ammonta għal EUR 1,55 biljun għall-perjodu 2007-13.

## III

L-awditu tal-Qorti kopra l-Kummissjoni u l-Istati Membri magħżula (l-Awstrija, Franza (Aquitaine), l-Italja (il-Bażilikata), Spanja (Andalusija) u s-Slovakkja). Dawn l-Istati Membri flimkien irrappreżentaw aktar minn 85 % tan-nefqa totali ddikjarata fil-31.12.2012. Il-biċċa l-kbira mill-appoġġ (80 %) kien għal azzjonijiet ta' prevenzjoni, prinċipalment kontra n-nirien.

## IV

Il-Qorti tikkonkludi li l-appoġġ ma kienx immaniġġjat tajjeb biżżejjed u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jistgħux juru li r-riżultati intenzjonati nkisbu b'mod kosteffettiv.

## V

L-azzjonijiet ta' prevenzjoni ma kinux immirati biżżejjed. Il-Qorti nnutat li filwaqt li l-Miżura 226 tim-mira lejn foresti f'riskju medju sa għoli ta' nirien, ma hemm l-ebda definizzjoni jew kriterju komuni tal-UE biex dawn jiġu identifikati. Il-proċeduri tal-għażla fl-Istati Membri kellhom defiċjenzi b'modi differenti u kellhom nuqqas ta' kriterji tal-għażla espliċiti, ta' evalwazzjoni effettiva ta' azzjonijiet proposti jew kienu jittraskuraw xi żoni ta' riskju. L-objettivi amb-jentali ma ġewx prijoritizzati biżżejjed fl-istadju tal-għażla u xi drabi nqabżu matul l-implimentazzjoni.

## VI

L-awditu sab azzjonijiet li ma kinux xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-miżura. Minkejja li, skont in-natura tagħhom (spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, tnaqqija, tindif eċċ.) ħafna mill-azzjonijiet kofinanzjati li ġew eżaminati, ġeneralment ikkon-tribwixxew għall-objettivi tal-appoġġ, il-Qorti sabet każijiet mhux relatati ma' diżastri naturali jew nirien, iżda motivati minn objettivi ekonomiċi jew ambjen-tali oħra. Għal xi tipi ta' operazzjonijiet implimentati r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ewlenin ma setgħux jiġu vverifikati minħabba nuqqas ta' dokumentazz-joni. Il-Qorti sabet ukoll każijiet ta' toroq tal-foresti użati għall-isfruttament ekonomiku tal-foresti fejn il-benefiċċju partikolari għall-prevenzjoni tan-nirien ma ntweriex. Id-densità għolja tat-toroq mibnija jista' wkoll ikollha effetti ambjentali negattivi.

## VII

Il-kosteffettività tal-azzjonijiet iffinanzjati ma ġietx żgurata b'mod adegwat. Il-Qorti sabet każijiet fejn il-limitu massimu ta' appoġġ pubbliku ħafna drabi ġie modifikat mingħajr ġustifikazzjoni, fejn l-ispejjeż standard f'reġjun kienu oġhla b'mod sinifikanti milli f'ieħor għal azzjonijiet simili u fejn ix-xogħol manwali ġie prijoritizzat aktar mill-użu minn magni, u dan irriżulta fi spejjeż oġhla. Kien hemm ukoll sitwazzjoni-jiet li ppreżentaw riskji ta' appoġġ pubbliku eċċessiv meta kienu ntgħażlu proġetti diġà kkompletati, fejn il-benefiċjarji setgħu jiffinanzjaw operazzjonijiet waħidhom u fejn l-appoġġ mar għal ħbula ta' art agrikoli.



## VIII

Finalment, l-għodod ta' monitoraġġ stabbiliti ma ppermettewx lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw b'mod adegwat l-effiċjenza u l-effettività tal-miżura. B'mod partikolari, l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fis-CMEF kienu insuffiċjenti u l-evalwazzjonijiet disponibbli kienu ta' utilità limitata. Ma kienx possibbli li jinsiltu konklużjonijiet dwar l-effettività tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni għaliex din l-effettività ma kinitx tkejlet. Id-dgħufijiet identifikati x'aktarx li jippersistu fil-perjodu 2014-20 peress li l-għodod ta' monitoraġġ il-ġodda proposti ma tejbux il-qafas ta' monitoraġġ għal dan l-appoġġ speċifiku.

## IX

Fir-rigward tal-konklużjonijiet ta' hawn fuq u filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-appoġġ awditjat jinżamm fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-20, il-Qorti tirrakkomanda li:

— L-Istati Membri għandhom:

- (a) Jagħżlu l-azzjonijiet ta' prevenzjoni bbażati fuq kriterji espliċiti allinjati mal-ħtiġijiet u wara proċess ta' evalwazzjoni bir-reqqa u dokumentat;
  - (b) Isaħħu l-impatt protettiv ambjentali tal-appoġġ billi jipprijoritizzaw l-azzjonijiet fil-foresti li ambjentalment huma l-aktar ta' valur bħal żoni tal-foresti ta' Natura 2000;
  - (c) Jiżguraw li jiġu appoġġati biss azzjonijiet marbuta ma' diżastri naturali jew ma' nar;
  - (d) Jistabbilixxu sistema ta' kontroll li tista' tiżgura l-verifikazzjoni effettiva tal-konformità mat-termini li taħthom jingħata l-appoġġ, u ż-żamma ta' dokumenti jew informazzjoni xierqa;
  - (e) Jagħtu attenzjoni akbar lill-kunsiderazzjonijiet ambjentali relatati mal-azzjonijiet appoġġati, b'mod partikolari billi jistabbilixxu salvagwardji xierqa għall-prevenzjoni ta' kontroeffetti ambjentali;
- (f) Jiżguraw li l-ispejjeż standard stabbiliti għall-azzjonijiet appoġġati jkunu raġonevoli;
  - (g) Jiġġustifikaw il-limitu massimu ta' appoġġ — u kwalunkwe bidla fih — abbażi tal-ispejjeż normalment imġarrba mill-benefiċjarji;
  - (h) Jeħtieġu mill-benefiċjarji li dawn juru b'mod ċar il-ħtieġa tagħhom għall-appoġġ taħt il-Miżura 226;
  - (i) Jirrappurtaw dwar l-effetti tal-azzjonijiet imwettqa f'termini ta' tnaqqis fl-għadd ta' nirien/jew diżastri naturali u taż-żona li saritilha l-ħsara.
- Il-Kummissjoni għandha:
- (a) Tivverifika, matul l-approvazzjoni tal-PŻR tal-Istati Membri fir-rigward tal-perjodu 2014-2020, li l-ħtiġijiet għal azzjonijiet ta' prevenzjoni fiż-żoni tal-foresti fejn l-appoġġ pubbliku huwa previst huma deskritti u ġġustifikati b'mod adegwat;
  - (b) Tistipula kriterji bażiċi komuni biex tiddistingwi żoni tal-foresti li għandhom jiġu klassifikati bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli ta' nirien;
  - (c) Tivverifika li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistema ta' kontroll xierqa;
  - (d) Tikkjarifika r-rekwiżiti għall-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-Miżura 226 biex tiżgura li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prevenzjoni ta' nirien u diżastri naturali, b'mod partikolari meta jkunu jagħmlu parti minn attività ekonomika profittabbli u fis-sens strett tal-kelma jkunu jistgħu wkoll jiġu ffinanzjati taħt l-Assi 1;
  - (e) Ittejjeb il-monitoraġġ tagħha tal-miżura biex tiżgura li l-Istati Membri jimplimentawha f'konformità mal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti.

## Il-funzjoni protettiva tal-foresti

### 01

Fl-UE, iż-żona totali tal-foresti u ta' art imsaġġra oħra tammonta għal 180 miljun ettaru, li huwa madwar 42,4 % taż-żona totali tal-art fl-UE u aktar miż-żona tal-art użata għal skopijiet agrikoli (madwar 174 miljun ettaru)<sup>3</sup>.

Il-foresti huma multifunzjonali u jservu skopijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. L-importanza soċjoekonomika tal-foresti hija għolja: il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-injam jikkontribwixxu għall-iżvilupp rurali u jipprovdu miljuni ta' impjegi, ta' spiss f'intrapriżi rurali żgħar u medji<sup>4</sup>.

### 02

Għal bosta deċennji, il-funzjonijiet ambjentali tal-foresti ġibdu dejjem aktar attenzjoni prinċipalment fir-rigward tal-protezzjoni tal-bijodiversità u, aktar reċentement, fil-kuntest tal-bidla fil-klima. Il-foresti għandhom funzjoni protettiva importanti<sup>5</sup>:

(a) *Il-foresti jiproteġu l-insedjamenti u l-infrastruttura.* Ħafna żoni muntanjużi fl-Ewropa jkunu inabitabbli mingħajr foresti li jwaqqfu l-uqigħ tal-art u tal-ġebel, il-flussi tat-tajn u l-valangi milli jikkawżaw ħsara jew qerda tat-toroq, il-linji ferrovjarji, iż-żoni kultivati u anke insedjamenti sħaħ.

(b) *Il-foresti jiproteġu l-ħamrija.* Iż-żoni tal-foresti għandhom rwol fil-preservazzjoni tal-pajsaġġi u l-fertilità tal-ħamrija. Il-foresti jwaqqfu l-erożjoni tal-ħamrija u d-deżertifikazzjoni speċjalment f'żoni muntanjużi jew f'żoni li huma nofshom nexfin, l-iżjed billi jillimitaw it-tnixxija u jbaxxu l-veloċità tar-riħ.

(c) *Il-foresti jirregolaw il-provvista tal-ilma ħelu.* Il-foresti għandhom rwol importanti fil-ħżin, il-purifikazzjoni u r-rilaxx tal-ilma lill-korpi tal-ilma tal-wiċċ u l-akwiferi taħt il-wiċċ. Ir-rwol ta' purifikazzjoni tagħhom jinkludi t-tkissir jew l-assorbiment ta' ħafna mis-sustanzi niġġiesa tal-arja li jinġarru mix-xita.

(d) *Il-foresti jikkonservaw il-bijodiversità.* Il-foresti huma komponent ewlieni tan-natura Ewropea u jospitaw l-ikbar għadd ta' vertebrati fil-kontinent. Eluf ta' speċijiet ta' insetti u invertebrati kif ukoll bosta pjanti huma wkoll ristretti għall-ħabitats tal-foresti.

(e) *Il-foresti bħala bjar ta' karbonju.* Il-foresti huma ħolqa essenzjali fiċ-ċiklu globali tal-karbonju minħabba l-kapaċità tagħhom li jneħħu d-CO<sub>2</sub> mill-atmosfera u jaħżnuh fil-bijomassa u l-ħamrija tagħhom.

3 "Agriculture, forestry and fishery statistics", *Eurostat Pocketbooks*, 2013 ("Statistika dwar l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd", *Ktejbiet tal-Eurostat*, 2013). Ħlief fejn indikat mod ieħor, it-terminu "foresta" huwa intenzjonat f'dan ir-rapport speċjali bħala li jirreferi wkoll għal żoni msaġġra oħra.

4 COM(2013) 659 final tal-20 ta' Settembru 2013 "Strateġija għida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti".

5 KUMM(2010) 66 finali tal-1 ta' Marzu 2010 "Green Paper dwar il-protezzjoni tal-foresti u t-tagħrif dwarhom fl-UE: il-preparazzjoni tal-foresti għat-tibdil fil-klima".

## Nirien u diżastri naturali

### 03

Il-foresti Ewropej huma mhedda minn nirien, li ġeneralment huma riżultat ta' azzjoni intenzjonali jew neglijenti tal-bniedem u minn diżastri naturali inklużi diżastri abijotiċi (tempesti tar-riħ, nixfiet, għargħar, valangi, eċċ.) jew diżgrazzji bijotiċi (pesti, mard).

## Nirien


### 04

Fil-perjodu 1983-2012 nirien ħarqu medja ta' 480 000 ettaru<sup>6</sup> ta' żona tal-foresta fl-UE kull sena. Il-medja taż-żona maħruqa kienet ogħla b'mod sinifikanti matul il-perjodu 1983-92 milli fid-deċennji ta' wara, li matulhom it-titjib fil-mezzi tat-tifi tan-nar fil-foresti fl-Istati Membri kellu rwol importanti (ara l-**Graff 1**)<sup>7</sup>.

- 6 L-istatistika tal-EFFIS dwar żoni maħruqa għall-perjodu 1980-2012. Il-valur medju huwa bbażat fuq informazzjoni minn 20 Stat Membru tal-UE. Ma kien hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għal: BE, DK, IE, LU, MT, NL, UK.
- 7 Ir-rapport konġunt tal-JRC u tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, *Forest Fires in Europe, Middle East and North Africa* (Nirien fil-Foresti fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq), 2012. Id-*data* statistika rrappurtata tkopri 19-il Stat Membru. Id-*data* hija relatata mal-perjodu 1980-2012 għall-Istati Membri tan-Nofsinar (il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja u l-Portugall). Għal daww kollha li jifdal (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja), id-*data* tiġi rrappurtata għall-perjodu 1990-2012.

Graff 1

### Medja taż-żona maħruqa (ħa) kull sena mill-1983 u sal-2012



Sors: Ir-rapport konġunt tal-JRC u tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, *Forest Fires in Europe, Middle East and North Africa* (Nirien fil-Foresti fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq), 2012.

## Introduzzjoni

### 05

Aktar minn 95 % ta' dawn in-nirien huma kkawżati mill-bnedmin, jew deliberatament jew inkella b'negliġenza (pereżempju, nirien assoċjati ma' Prattiki agrikoli, bħall-ħruq tat-tiben jew ta' arbuxxelli, il-ħruq ta' residwi forestali jew it-tiġdid ta' mergħat, sigaretti). Madwar 85 % taż-żona totali maħruqa minn nirien fil-foresti jinsabu fir-reġjun tal-Mediterran u fil-Portugall. Nirien reċenti fil-foresti rriżultaw f'żoni maħruqa kbar fil-Portugall fl-2003 u fl-2005, fil-Greċja fl-2007 u fi Spanja fl-2006. Il-foresti affettwati serjament jiffaċċjaw sfida kbira biex jirkupraw għall-kundizzjoni li kienu fiha qabel in-nirien, b'mod partikolari fir-rigward tal-bijodiversità. L-impatt ambjentali tan-nirien fil-foresti mhux limitat għal telfien tal-bijodiversità u għal ħsara għall-ekosistemi. Huma jirriżultaw ukoll f'emissjonijiet ta' partiċelli u gasijiet (inkluż id-CO<sub>2</sub>) fl-atmosfera, ħruq ta' nutrijenti minerali, il-qerda tas-saff organiku tal-ħamrija u bidliet fir-rati ta' infiltrazzjoni tal-ilma fil-ħamrija, li jagħmlu ż-żoni maħruqa suxxettibbli għall-erożjoni, it-telfien tal-ħamrija, u l-uqigħ tal-art. Nirien rikorrenti fil-foresti kkombinati ma' nixfiet jistgħu wkoll iwasslu għad-deżertifikazzjoni<sup>8</sup>.

### Tipi oħra ta' diżastri

### 06

Fil-perjodu mill-1950 sal-2009 t-tempesti tar-riħ kienu l-kaġuni tal-akbar ħsara fl-Ewropa. It-telfien mill-maltempati qabeż il-50 % tat-tipi abijotiċi kollha ta' ħsara relatata mal-foresti<sup>9</sup>. Il-maltempati l-aktar qerrieda fl-aħħar perjodu seħħew fl-1999, fl-2005, fl-2007 u fl-2009. Il-maltempati tal-1999 ("Lothar" u "Martin") ġabu magħhom il-ħsara l-aktar katastrofika għal Franza u l-Ewropa Ċentrali bi kważi 200 miljun m<sup>3</sup> ta' injam li saritlu l-ħsara. F'Jannar 2005, il-maltempata "Gudrun" seħħet

fin-Nofsinar tal-Isvezja u pproduċiet 66 miljun m<sup>3</sup> ta' injam li saritlu l-ħsara mill-maltempata (bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għall-ħsad tal-injam ta' kull sena fl-Isvezja). F'Jannar 2007, il-maltempata "Kyrill" ikkawżat ħsara estensiva fl-Ewropa Ċentrali, inkluż telfien tal-foresti ta' 45 miljun m<sup>3</sup> (li minnhom 16-il miljun m<sup>3</sup> fil-Ġermanja) ta' injam mhux maħsud. F'Jannar 2009, il-maltempata "Klaus" waqgħet żoni enormi ta' pjantaġġuni ta' foresti fi Franza (37 miljun m<sup>3</sup>, prinċipalment arżnu tal-baħar), fi Spanja u fl-Italja<sup>10</sup>. Minbarra l-impatti ambjentali negattivi, hemm konsegwenzi soċjali (im-wiet) u ekonomiċi (prezzijiet imnaqqsa tal-injam) marbutin mar-rilaxx fis-suq ta' kwantitajiet daqshekk enormi ta' injam li saritlu l-ħsara<sup>11</sup>.

### 07

Nixfiet aktar frekwenti u severi jaffettwaw żoni kbar tal-Ewropa, tant li jikkawżaw skarsezza tal-ilma u pressjoni akbar fuq ir-riżorsi tal-ilma. Min-naħa l-oħra, bosta diżastri kbar ta' għargħar seħħew fl-Ewropa fl-aħħar ftit snin. Tali diżastri jikkawżaw ukoll ħsara fil-foresti, għalkemm sa punt aktar limitat minn nirien, maltempati u aġenti bijotiċi, bħall-insetti (eż. ħanfus tal-qxur tas-siġar), mard jew organiżmi selvaġġi u riġhi mhux ikkontrollat<sup>12</sup>.

- 8 Ir-Rapport tal-EEA Nru 3/2008 "European forests – ecosystem conditions and sustainable use" (Foresti Ewropej – il-kundizzjonijiet tal-ekosistema u l-użu sostenibbli), p. 51.
- 9 KUMM(2010) 66 finali, p. 12; ir-Rapport Tekniku Nru 13/2010 tal-EEA "Mapping the impacts of natural hazards and technological accidents in Europe" (Immappjar tal-impatti ta' perikli naturali u ta' aċċidenti teknoloġiċi fl-Ewropa), p. 25.
- 10 Ir-Rapport Tekniku Nru 13/2010 tal-EEA "Mapping the impacts of natural hazards and technological accidents in Europe" (Immappjar tal-impatti ta' perikli naturali u ta' aċċidenti teknoloġiċi fl-Ewropa), p. 33-40. Ir-Rapport tal-EFI mis-Sessjoni ta' Ħidma STORMS dwar "Policies for Forest Storm Damages Mitigation and Restoration (Politiki għall-Mitigazzjoni u Restawr tal-Ħsarat li jsiru mill-Maltempati tal-Foresti), l-1 ta' Lulju 2010, Brussell, p. 20.
- 11 KUMM(2010) 66 finali, p. 12.
- 12 Ir-Rapport Tekniku Nru 3/2008 tal-EEA "European forests – ecosystem conditions and sustainable use" (Foresti Ewropej – il-kundizzjonijiet tal-ekosistema u l-użu sostenibbli) p. 53-4: fl-2005 fl-Isvezja: madwar 2 900 000 ettaru ta' ħsara, fil-biċċa l-kbra arżnu żgħir (*Pinus sylvestris*) ikkawżata minn elks li jirgħu (*Alces alces*) u fl-Italja: kważi 500 000 ettaru ta' ħsara fin-Nofsinar tal-Italja minħabba riġhi estensiv mill-bhejjem.
- 13 Council Regulation (EEC) No 3529/1986 of 17 November 1986 on protection of the Community's forests against fire (OJ L 326, 21.11.1986, p. 5) (Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3529/1986 tas-17 ta' Novembru 1986 dwar il-protezzjoni tal-foresti tal-Komunità kontra n-nirien) (ĠU L 326, 21.11.1986, p. 5) u Council Regulation (EEC) No 2158/92 of 23 July 1992 on protection of the Community's forests against fire (OJ L 217, 31.07.1992, p. 3) (Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2158/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni tal-foresti tal-Komunità kontra n-nirien) (ĠU L 217, 31.07.1992, p. 3).
- 14 L-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/99 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn

## Il-politika ta' żvilupp rurali: strument ewlieni għall-protezzjoni tal-foresti tal-UE

### 08

L-UE għandha storja twila ta' kontribut għall-protezzjoni tal-foresti, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni tan-nirien. Fil-perjodu 1986 sal-2002, il-foresti tal-UE bbenefikaw minn regolamenti speċifiċi ddedikati għall-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti<sup>13</sup> u mill-2000 'il hawn, il-protezzjoni tal-foresti ġiet inkluża fil-politika ta' żvilupp rurali<sup>14</sup>.

### 09

Il-politika ta' ŻR għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-13 iffukat fuq tliet objettivi fundamentali<sup>15</sup> li għandhom jintlaħqu permezz ta' serje ta' miżuri ggruppati, għal kull objettiv, f'"assi tematiku" appoġġat finanzjarjament permezz tal-FAEŻR<sup>16</sup>:

- titjib tal-kompetittività tas-settur tal-agrikoltura u l-forestrija (l-Assi 1);
- titjib tal-ambjent u l-kampanja (l-Assi 2);
- titjib tal-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali u inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika (l-Assi 3).

### 10

Fil-perjodu 2007-13, miżura waħda speċifika għall-forestrija (il-Miżura 122: "Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti") kienet koperta mill-Assi 1<sup>17</sup> u diversi oħrajn mill-Assi 2<sup>18</sup>.

## L-appoġġ taħt iż-ŻR għar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni (il-Miżura 226)

### 11

Fil-perjodu 2007-13 l-appoġġ taħt il-FAEŻR għar-restawr ta' foresti li saritilhom ħsara minn diżastri naturali u nirien, kif ukoll għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni, kien disponibbli permezz tal-Miżura 226 "Ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni" taħt l-Assi 2. Din il-miżura ġiet inkluża fi 58 Programm ta' Żvilupp Rurali (PŻR) imfassla minn 16-il Stat Membru<sup>19</sup>.

### 12


Fi tmiem l-2012, l-appoġġ totali taħt il-FAEŻR ippjanat għal azzjonijiet taħt il-Miżura 226 kien ta' madwar EUR 1,55 biljun. L-appoġġ taħt il-FAEŻR ikopri parti mill-appoġġ pubbliku totali mħallas lill-benefiċjarji mill-amministrazzjoni nazzjonali responsabbli. Ir-rata ta' kofinanzjament taħt il-FAEŻR hija stabbilita f'kull PŻR. L-appoġġ pubbliku totali jista' jkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji tal-miżura.

għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.06.1999, p. 80).

- L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
- Għall-perjodu 2014-20, il-gruppar ta' miżuri f'assi gje abbandunat. F'dak il-perjodu kull miżura ffinanzjata mill-FAEŻR se jkollha tiġi programmata biex b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba ta' wieħed jew aktar mis-sitt "prijoritajiet tal-Unjoni" li ġejjin (l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-FAEŻR u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487)):
  - It-trawwim tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni
  - Il-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli
  - L-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-ġestjoni tar-riskju
  - Ir-restawr, il-preservazzjoni u t-tiġid tal-ekosistemi
  - L-effiċjenza tar-riżorsi u t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ekonomija reżistenti għat-tibdil fil-klima
  - L-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku.
- Din il-miżura hija s-suġġett tar-Rapport Speċjali Nru 8/2013 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Appoġġ għat-Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali" (<http://eca.europa.eu>).
- Miżuri ta' forestrija taħt l-Assi 2: 221 – L-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola; 222 – L-ewwel stabbiliment ta' sistemi ta' agroforestrija fuq art agrikola; 223 – L-ewwel afforestazzjoni ta' art mhux agrikola; 224 – Ħlasijiet Natura 2000; 225 – Ħlasijiet għall-ambjent tal-foresti; 226 – Ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni; 227 – Investimenti mhux produttivi.
- BG, CZ, DK, DE(5), EL, ES(17), FR(3), IT(20), CY, LV, LT, HU, AT, PL, PT(3), SK.

Graff 2

## Appoġġ taħt il-FAEŻR ippjanat taħt il-Miżura 226 għall-perjodu 2007-2013 (EUR miljun)



Sors: Il-Kummissjoni tal-UE.

20 L-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

### 13

Il-pagamenti mill-FAEŻR taħt il-miżura ammontaw għal madwar EUR 860 miljun mill-31.12.2012. Il-biċċa l-kbira mill-appoġġ (80 %) kienet għal azzjonijiet ta' prevenzjoni, prinċipalment attivitajiet ta' prevenzjoni tan-nirien (ara l-**Anness I** għal dettalji dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji għall-Miżura 226).

### 14

Appoġġ finanzjarju pubbliku huwa disponibbli kemm għal foresti privati kif ukoll għal dawk pubbliċi, billi għall-Miżura 226 r-regolamenti tal-UE ma jeskludu l-ebda tip ta' sjieda. Appoġġ għaż-ŻR għal azzjonijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien

jista' jingħata biss għal foresti klassifikati mill-Istati Membri bħala ta' riskju għoli jew medju ta' nirien fil-foresti, skont il-pjanijiet tagħhom ta' protezzjoni tal-foresti u jista' jkopri l-istabbiliment ta' infrastrutturi protettivi (eż.: mogħdijiet tal-foresti, linji, punti għall-provvista tal-ilma, żoni mnaddfa u maqtugħa u spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien), il-prassi preventiv tal-forestrija (eż.: kontroll tal-veġetazzjoni, tnaqqija, diversifikazzjoni tal-istruttura tal-veġetazzjoni) u l-istabbiliment jew it-titjib ta' faċilitajiet fissi għall-monitoraġġ ta' nirien fil-foresti<sup>20</sup>. Fil-każ ta' spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien fil-foresti, l-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu, lil hinn mill-ispiża tal-istabbiliment, spejjeż tal-manutenzjoni sussegwenti għaż-żona kkonċernata.

### 15

Għal azzjonijiet oħra ta' prevenzjoni, kif ukoll għal azzjonijiet immirati lejn ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija f'foresti li saritilhom il-ħsara minn diżastru naturali jew nirien, ir-regolamenti tal-UE jeħtieġu li dawn għandhom ikunu relatati mad-diżastri, jiġifieri marbuta mal-okkorrenza jew mar-riskju tal-okkorrenza ta' diżastru naturali jew nirien iżda li ma jiddefinixxu l-ebda kundizzjoni speċifika ta' eliġibbiltà, bħal livell minimu ta' riskju.

### 16

L-appoġġ taħt l-iżvilupp rurali għar-“restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni” huwa taħt ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-Istati Membri jiżviluppaw Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) fil-livell nazzjonali jew dak reġjonali. Ladarba jiġu approvati mill-Kummissjoni, dawn il-programmi jiġu implimentati mill-Istati Membri. Għe stabbilit “Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni”, ibbażat fuq indikaturi komuni, rapporti annwali ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri kif ukoll tipi differenti ta' evalwazzjonijiet.

## 17

L-objettiv prinċipali tal-awditu kien li jiġi vvalutat jekk il-miżura ta' appoġġ taħt il-FAEŻR għar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni ġietx immaniġġjata tajjeb u jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħux juru li l-appoġġ laħaq l-objettivi intenzjonati tiegħu b'mod kosteffettiv.

## 18

L-awditu ffoka fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) L-appoġġ kien jimmira b'mod xieraq lejn il-ħtiġijiet għall-prevenzjoni tar-riskji ta' diżastri naturali u nirien?
- (b) L-operazzjonijiet iffinanzjati kienu xierqa għall-ilħuq tal-objettivi tal-miżura?
- (c) L-operazzjonijiet iffinanzjati kienu kosteffettivi?
- (d) L-għodod ta' monitoraġġ huma adegwati biex jiġu vvalutati l-effiċjenza u l-effettività tal-miżura?

## 19

L-awditu kopra kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri magħżula. Fil-livell tal-Kummissjoni, ix-xogħol tal-awditjar kopra t-tfassil tal-miżura u l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-Kummissjoni, inkluża l-approvazzjoni tal-PŻR ippreżentati mill-Istati Membri u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżura. Fil-livell tal-Istati Membri, l-awditu inkluda żjarat lejn l-Awstrija, Franza (Aquitaine), l-Italja (il-Bażilikata), is-Slovakkja u Spanja (Andalusija). Dawn l-Istati Membri flimkien irrappreżentaw aktar minn 85 % tan-nefqa totali ddikjarata għall-Miżura 226 fil-31.12.2012.

## 20

Ix-xogħol tal-awditjar kien jinkludi eżami tal-PŻR, leġiżlazzjoni nazjonali jew reġjonali u proċeduri amministrattivi kif ukoll intervisti mal-awtoritajiet manġerjali responsabbli fl-Istati Membri miżjura. Barra minn hekk 68 operazzjoni appoġġata taħt il-Miżura 226 ġew awditjati, li minnhom 45 fuq il-post, biex jiġu vverifikati l-effetti tat-tipi differenti ta' azzjonijiet eliġibbli mwettqa fiż-żoni tal-foresti kkonċernati (ara l-**Anness II** għad-dettalji).



## Parti I - L-azzjonijiet ta' prevenzjoni ma kinux immirati biżżejjed

### 21

Immirar adegwat tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni<sup>21</sup> jeħtieġ li:

- il-Kummissjoni jkollha ħarsa ġenerali lejn ir-riskji ta' diżastri naturali u ta' nirien meta tkun qed tivvalutata l-PŻR ippreżentati mill-Istati Membri;
- il-proċess tal-għażla fil-livell tal-Istati Membri jkun allinjat mal-ħtiġijiet identifikati fil-PŻR;
- b'riżultat ta' dan, l-iffinanzjar jikkoinċidi mal-oqsma ta' riskju.

## Il-Kummissjoni ma kellhiex ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-ħtiġijiet fl-apparvazzjoni tal-PŻR

## L-ebda definizzjoni komuni ta' foresti f'riskju ta' nirien

### 22

Sakemm skada fl-2001, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2158/92, dwar il-protezzjoni tal-foresti tal-Komunità kontra n-nirien, stabbilixxa kriterji għall-klassifikazzjoni ta' żoni tal-foresti bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli ta' nirien. Dak ir-regolament kien jeħtieġ li l-Istati Membri jstabbilixxu listi ta' żoni klassifikati skont il-grad ta' riskju ta' nirien u jibagħtuhom lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni<sup>22</sup>. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-listi taż-żoni tal-foresti ta' riskju għoli u medju ta' nirien fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja u fil-Portugall<sup>23</sup> ilha ma tiġi aġġornata mill-2001 'il hawn u konsegwentement l-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni fl-2004 u wara, ma kinux parti minn dan l-eżerċizzju.

### 23

Wara l-iskadenza tar-regolament im-semmi hawn fuq, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 ddikjaraw li azzjonijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien iridu jkunu relatati ma' foresti klassifikati mill-Istati Membri bħala f'riskju għolji jew medju ta' nirien fil-foresti skont il-pjanijiet tagħhom ta' protezzjoni tal-foresti<sup>24</sup>.

### 24

Fin-nuqqas ta' kriterji komuni għall-valutazzjoni tar-riskji ta' nirien, l-Istati Membri jwettqu l-analiżi tagħhom tar-riskji ta' nirien ibbażata fuq il-metodoloġija tagħhom stess. B'riżultat ta' dan, il-kriterji użati għall-klassifikazzjoni taż-żoni tal-foresti bħala ta' riskju medju jew għoli jvarjaw madwar l-UE.

### 25

Is-Sistema Ewropea tal-Infurmazzjoni dwar Nirien fil-Foresti (EFFIS) hija database stabbilita mill-Kummissjoni, li fiha infurmazzjoni rilevanti għall-monitoraġġ tal-okkorrenza u l-impatt ta' nirien fil-foresti fil-livell tal-UE<sup>25</sup>. Id-*data* sservi biex jiġi prodott rapport annwali dwar nirien fil-foresti fl-Ewropa u fil-pajjiżi ġirien<sup>26</sup>. Madankollu, mhijiex użata għall-valutazzjoni tal-analizzijiet tar-riskji ta' nirien tal-Istati Membri fl-approvazzjoni tal-PŻR. Il-Kummissjoni ma toħroġ linji gwida speċifiċi<sup>27</sup> dwar il-klassifikazzjoni tar-riskji ta' nirien sabiex tippromwovi l-aħjar prattiki u tiżgura l-komparabbiltà u l-affidabbiltà tal-analizzijiet tar-riskji ta' nirien tal-Istati Membri.

- 21 Din il-parti tiffoka fuq azzjonijiet ta' prevenzjoni li għalihom l-immirar adegwat huwa essenzjali għall-effettività tagħhom. Dawn jirrappreżentaw madwar 80 % tal-azzjonijiet iffinanzjati.
- 22 Kif iddikjarat fl-Artikolu 2(2) u 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2158/92 iż-żoni biss li jinsabu fil-Portugall, fi Spanja, fil-Greċja, u f'ċerti reġjuni Franċiżi u Taljani fejn ir-riskju permanenti jew ċikliku ta' nirien fil-foresti jippreżenta theddida serja għall-bilanċ ekoloġiku u għas-sikurezza tal-persuni u l-prodotti, jew jikkostitwixxi fattur li qed iħaffef il-proċess ta' deżertifikazzjoni ta' żoni rurali, jistgħu jiġu klassifikati bħala żoni ta' riskju għoli. Żoni minbarra dawk jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala żoni ta' riskju għoli jekk l-Istat Membru jkun ippreżenta talba sostanzjata. Żoni fejn ir-riskju ta' nirien fil-foresti mhux permanenti jew ċikliku iżda jippreżenta theddida sinifikanti għall-ekosistemi tal-foresti jistgħu jiġu klassifikati bħala żoni ta' riskju medju.
- 23 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1619/1993 tal-24 ta' Ġunju 1993: F'dak iż-żmien (UE12), 60 miljun ettaru ta' foresti, ekwivalenti għal 42 % taż-żona totali tal-foresti totali ta' dak iż-żmien kienu ġew klassifikati bħala żoni ta' riskju ta' nirien, prinċipalment fiż-żona Mediterranja.
- 24 Dan ir-rekwiżit ma nbidilx għall-perjodu 2014-2020 (ara l-Artikolu 24(2), il-paragrafu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013).
- 25 L-infurmazzjoni dwar il-foresti tal-UE f'riskju ta' nirien tiġi elaborata abbażi ta' settijiet tad-*data* fl-EFFIS bħal periklu meteoroloġiku ta' nirien, inċidenza ta' nirien, perimetri ta' żoni maħruqa u settijiet tad-*data* dwar avvenimenti ta' nirien ipprovduti mill-pajjiżi, li huma kkompletati permezz ta' infurmazzjoni anċillari oħra dwar il-firxa ta' riżorsi tal-foresti bħal mapep tal-foresti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jew id-Database tal-Ewropean Corine Land Cover. Sa 22 pajjiż Ewropew jipprovdut *data* fuq bażi volontarja kull sena billi l-ebda regolament tal-UE ma tinforza dan il-provvediment tad-*data* wara l-2006 (wara l-iskadenza tar-Regolament (KE) Nru 2152/2003 dwar iċ-Ċentru tal-Foresta (Forest Focus)).
- 26 Ir-rapport konġunt tal-JRC u tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, *Forest Fires in Europe, Middle East and North Africa* (Nirien fil-Foresti fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq), 2012.

## 26

L-eżempju tas-Slovakkja juri d-dis-krepanzi potenzjali li jistgħu jiġu identifikati bl-użu mid-*data* disponibbli fl-EFFIS. Skont is-sistema naz-zjonali għall-klassifikazzjoni ta' żoni tal-foresti skont ir-riskju ta' nirien, 1,8 miljun tat-total ta' 2 miljun ettaru ta' art tal-foresti hija klassifikata bħala żona ta' riskju medju jew għoli ta' nirien fil-pajjiż. Madankollu, la ċ-ċifri storiċi ta' nirien fil-foresti, u lanqas id-database tal-EFFIS (ara l-**Graff 3**) ma jappoġġaw perċentwal daqshekk għoli ta' żoni ta' riskju medju u għoli ta' nirien fil-pajjiż. Lill-awdituri tal-Qorti, l-awtoritajiet Slovakkji ma pprovdewlhomxx il-metodu tagħhom għall-klassifikazzjoni jew il-kriterji użati għall-klassifikazzjoni ta' żoni tal-foresti taħt il-livelli varji ta' riskju ta' nirien.

### **Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni komprensiva dwar diżastri naturali oħra li jaffettwaw il-foresti**

## 27

L-awditu sab li l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni komprensiva dwar l-evoluzzjoni storika tal-okkorrenza ta' diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi (għajr nirien). L-ebda analiżi mhija disponibbli għall-Kummissjoni dwar l-iskala tal-ħsara għaż-żoni tal-foresti kkawżata minn diżgrazzji abijotiċi oħra (eż nixfiet, tempesti tar-riħ jew valangi) jew diżgrazzji bijotiċi (pesti u mard).

## 28

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti"<sup>28</sup>, il-Kummissjoni tirrikonoxxi bħala orjentazzjonijiet strateġiċi a) l-"[istabbiliment] tas-Sistema ta' In-formazzjoni dwar il-Foresti tal-Ewropa billi [tinġabar] informazzjoni armonizzata madwar l-Ewropa kollha" u "[jiġu integrati] sistemi diversi ta' informazzjoni (eż. EFFIS) u pjattaformi tad-*data* (...)", b) il-ħtieġa li "[tiġi allinjata] l-informazzjoni dwar il-foresti tal-UE", c) il-ħtieġa li "[tittejjeb, tiġi mqabbla u tinqasam] l-informazzjoni dwar il-foresti (...)" u d) il-ħtieġa li "[jiġu żviluppati] moduli, eż. dwar il-foresti u d-disturbi naturali bħan-nirien u l-pestiċidi (pesti)".

## 29

Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni komprensiva dwar it-tipi l-oħra ta' diżastri naturali li jaffettwaw il-foresti u konsegwentement ma għandhiex ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-ħtiġijiet għall-prevenzjoni tad-diżastri meta tkun qed tivvaluta l-pjanijiet għall-Miżura 226 proposta fil-PŻR ippreżentati mill-Istati Membri.

### **Nuqqasijiet fil-proċess tal-għażla fil-livell tal-Istati Membri**

## 30

L-awtoritajiet maniġerjali għandhom jistabbilixxu prijoritajiet biex jaġixxu fiż-żoni tal-foresti l-aktar ta' valur (filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni n-natura multifunzjonali tal-foresti, kif deskritta fil-paragrafi 1 u 2) li għalihom ir-riskji sinifikanti potenzjali ġew identifikati qabel. Dan għandu jiġi rifless fil-proċedura tal-għażla.

27 Fil-konklużjoni tiegħu dwar il-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti fi ħdan l-Unjoni Ewropea (it- 3010 lagħha tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tas-26 ta' April 2010) l-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tinkludi n-nirien fil-foresti fil-prijoritajiet li għandhom jiġu indirizzati fil-ħidma li għaddejja dwar l-iskambju ta' prattika tajba u l-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju u l-immappjar u l-linji gwida dwar standards minimi għall-prevenzjoni tad-diżastri speċifiċi għall-periklu. Fl-Istaff Working Paper on Risk Assessment and Mapping Guidelines for Disaster Management (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju u l-Linji Gwida dwar l-Immappjar għall-Ġestjoni tad-Diżastri) (21.12.2010) tagħha, il-Kummissjoni mhijiet speċifika fir-rigward ta' nirien u ma tafferma l-ebda kriterju partikolari ta' riskju partikolari, punt ta' riferiment jew standard, tenfasizza l-lakuni eżistenti fil-metodoloġija u tispejga li katalogu ta' metodi u standards rakkomandati għall-valutazzjonijiet tar-riskju se jiġi żviluppat għal verżjoni futura ta' dawn il-linji gwida.

28 COM(2013) 659 final.

## Nuqqas ta' proċeduri tal-għażla effettivi...

### 31

Fl-Italja (il-Bażilikata), il-fondi disponibbli għall-implimentazzjoni tal-miżura tqassmu l-ewwel fost l-assoċjazzjonijiet tal-muniċipalitajiet fi proporzjon mal-għadd ta' ħaddiema fil-foresti li jridu jiġu impjegati fil-muniċipalitajiet li fformaw kull assoċjazzjoni. Wara r-ripartizzjoni tal-fondi, l-assoċjazzjonijiet ippreżentaw proġetti u applikazzjonijiet għall-għajjnuna li jikkorrispondu għall-fondi diġà allokati lil kull waħda minnhom. Imbagħad, il-proġetti u l-applikazzjonijiet għall-għajjnuna għaddew minn proċess formali ta' għażla u ta' klassifikar, iżda dan ma kellu l-ebda effett prattiku għaliex l-applikazzjonijiet kollha ġew aċċettati b'konferma tal-ammonti ta' għajjnuna diġà assenjati.

### 32

Barra minn hekk, fir-rigward tal-għażla taż-żoni tal-foresti appoġġati ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni li tistipula r-raġunijiet għall-għażliet li saru jew li tagħmel referenza għal livelli partikolari ta' riskju jew objettivi prijoritarji tekniċi oħra (pereżempju: ix-xogħol ippjanat b'dati ta' skadenza speċifiċi fi pjan ta' ġestjoni tal-foresti muniċipali, il-ħtieġa li jsiru jew jiġu kkompletati operazzjonijiet diġà mwettqa f'foresti muniċipali oħra).

### 33

Fi Spanja (Andalusija), bosta kriterji tal-għażla ġew definiti għall-Miżura 226. Il-proċedura tal-għażla ġiet applikata u dokumentata fil-każ ta' sejħiet kompetittivi għal proposti ta' investiment. B'kuntrast ma' dan, għal azzjonijiet promossi direttament mill-awtoritajiet reġjonali, li jirrappreżentaw aktar minn ¾ tal-infiq, il-kriterji ma kinux prijorizzaw

azzjonijiet abbażi ta' analiżi tar-riskju speċifika u lanqas ma ġiet dokumentata l-proċedura tal-għażla.

### 34

L-Awstrija stabbilixxiet sistema ta' assistenza għall-forestrija. Iż-żona taħt ir-responsabbiltà ta' uffiċċju għall-forestrija tad-distrett lokali hija maqsuma fost konsulenti professjonali dwar il-foresti, li huma responsabbli għall-kuntatt dirett ma' proprjetarji u maniġers tal-foresti. Il-konsulenti jiddeċiedu jekk l-azzjonijiet għall-forestrija proposti mill-maniġers tal-foresti jistgħux jiġu appoġġati. Din id-deċiżjoni mhijiex ibbażata fuq kriterji tal-għażla espliċiti u fuq evalwazzjoni bil-miktub tal-azzjoni proposta għall-forestrija (valutazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-importanza, urġenza, l-impatt fuq l-ambjent, eċċ.).

## ... jew kriterji tal-għażla li ma jipprijorizzawx il-ħtiġijiet ambjentali

### 35

L-azzjoni fiż-żoni tal-foresti tal-UE li għandhom l-akbar valur ambjentali, b'hal siti Natura 2000, mhux dejjem ingħatat prijorità<sup>29</sup> (ara l-**Kaxxa 1**). Huwa stmat li n-netwerk Natura 2000 taż-żoni tal-foresti jkopri madwar 20 % taż-żona totali tal-foresti tal-UE<sup>30</sup>. L-għan tan-netwerk ta' żoni Natura 2000 huwa li jiżgura s-sopravivenza fuq terminu twil tal-ispeċijiet u l-ħabitats l-aktar ta' valur u l-aktar mhedda tal-Ewropa<sup>31</sup>.

- 29 Għajr f'Andalusija, fil-każ tal-appoġġ allokati abbażi ta' sejħiet kompetittivi għal proposti ta' investiment.
- 30 Ir-Rapport tal-EEA Nru 5/2012 "Protected areas in Europe-an overview" (Żoni protetti fl-Ewropa - ħarsa ġenerali), p. 70-79. Il-komponent terrestri tan-netwerk Natura 2000 (768 000 km<sup>2</sup>) - li minnu 46 % hija żona tal-foresti ta' Natura 2000 - ikopri bejn wieħed u ieħor 17,9 % tat-territorju tal-art tal-UE27. Iż-żona totali tal-foresti fl-UE27 hija ta' madwar 1,8 miljun km<sup>2</sup>.
- 31 Huwa magħmul minn Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) nominati mill-Istati Membri taħt id-Direttiva dwar il-ħabitats, u jinkorpora wkoll Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) li l-Istati Membri jinnominaw taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar. Natura 2000 mhuxwix sistema ta' riżervi naturali stretti fejn l-attivitajiet tal-bniedem kollha huma esklużi. Filwaqt li n-netwerk ċertament se jinkludi riżervi naturali, il-biċċa l-kbira mill-art x'aktarx li tkompli tkun proprjetà privata u l-enfasi se tkun fuq l-iżgurar li l-ġestjoni futura tkun sostenibbli.

### Prijoritizzar ta' ħtiġijiet ambjentali fil-livell tal-Istati Membri

Għalkemm perċentwal sinifikanti tal-foresti Slovakkji huma klassifikati bħala foresti protetti (inkluż Natura 2000) li għandhom valur ambjentali għoli, ma kinux ġew prijoritizzati matul il-proċess tal-għażla, u dan qed jillimita l-impatt ambjentali potenzjali tal-Miżura 226.

Fi Franza (Aquitaine), tfasslu azzjonijiet ta' restawr biex jimmassimizzaw is-superfiċje ta' foresta appoġġata wara tempesta, mingħajr ma ġew prijoritizzati foresti ta' valur ambjentali ogħla. Barra minn hekk, ir-regoli reġjonali ma għamlu l-ebda konċessjoni għall-aspetti ambjentali tat-tneħħija ta' injam, it-tindif u r-restawr taż-żoni li saritilhom il-ħsara<sup>32</sup>. Pereżempju ma kinux jeħtieġu studji ekoloġiċi f'żoni sensittivi fil-livell tal-proġetti u ma pprojbixxewx ċerti operazzjonijiet li jaffettwaw il-protezzjoni tal-ħamrija bħat-tneħħija ta' strixxi enormi ta' art minn buldowżer.

32 Meta mqabbel mar-reġjun ta' Aquitaine, ir-reġjun ta' Lorraine, li ffinanzja wkoll l-investiment għar-restawr ta' wċuħ tar-raba' tal-foresti li saritilhom il-ħsara fit-tempesta tal-1999, fassal regoli biex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aspetti ambjentali.

### Il-finanzjament ma kienx allinjat mar-riskji u l-ħtiġijiet identifikati

#### 36

Il-finanzjament għandu jkun allinjat mar-riskji identifikati u mmirati lejn l-oqsma li huma l-aktar fil-bżonn.

### Fis-Slovakkja u fl-Awstrija, il-finanzjament ma qabilx mar-riskji identifikati...

#### 37

Fis-Slovakkja, l-allokkazzjoni tal-appoġġ finanzjarju taħt il-Miżura 226 ma kinitx konformi mal-fatturi potenzjali prinċipali ta' ħsara għall-foresti. Pereżempju, għalkemm id-diżgrazzji relatati mar-riħ kienu l-aktar fattur sinifikanti ta' ħsara għall-foresti fil-pajjiż (80%), segwiti mill-borra (12%) u n-nixfa b'kolp ta' sħana (7%)<sup>33</sup>, l-ogħla proporzjon ta' appoġġ pubbliku taħt il-Miżura 226 intuża għal

azzjonijiet ta' prevenzjoni tan-nirien fil-foresti (61%), prinċipalment għall-finanzjament tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' toroq tal-foresti li primarjament intużaw ukoll għall-isfruttament tal-foresti mingħajr ma ġiet iġġustifikata r-rabta partikolari mal-prevenzjoni tan-nirien.

#### 38

Fl-Awstrija, minkejja l-eżistenza ta' pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti u pjanijiet ta' żoni ta' periklu dettaljati, il-valutazzjoni kontinwa tar-riskju ta' protezzjoni tal-foresti, imwettqa mill-awtoritajiet Awstrijaċi, kellha rwol limitat fl-immirar tal-għajnuna. Ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni ċara bejn ir-riskju bażiku għall-foresti u l-infiq tal-baġit. Pereżempju, il-Bundesland Salzburg, lit-376 elf ettaru ta' foresta tiegħu jikklassifikaw fuq l-iskala ta' riskju baxx ħafna sa medju, ġie allokat kemxejn aktar fondi minn Kärnten, li l-584 elf ettaru ta' foresta tiegħu jikklassifikaw fuq l-iskala ta' riskju medju sa għoli ħafna.

33 Skont ir-Rapport Annwali 2012 dwar l-okkorrenza ta' aġenti li jagħmlu ħsara fil-foresti u l-pronjosi għas-sena d-dieħla maħruġ miċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk tal-Foresti.

**... filwaqt li fl-Italja (il-Bażilikata) u fi Spanja (Andalusija), il-finanzjament ingħata prinċipalment għall-foresti li huma proprjetà pubblika, biex jiġu appoġġati attivitajiet li jirrikjedu ħafna ħaddiema**

## 39

L-awditu sab allokkazzjoni għolja b'mod sproporzjonat ta' appoġġ għal ċerti korpi pubbliċi (awtoritajiet reġjonali jew municiċipali) għal operazzjonijiet f'foresti li huma proprjetà pubblika kif ukoll konċentrazzjoni ta' fondi f'attivitajiet għaljin li jirrikjedu ħafna ħaddiema.

## 40

Fl-Italja (il-Bażilikata), il-Miżura 226 ġiet applikata esklussivament għal foresti li huma proprjetà municiċipali, li jikkostitwixxu biss 30 % tat-total ta' żoni tal-foresti tar-reġjun. Il-fatt li żona tal-foresti tkun proprjetà municiċipali ma jimplikax li ż-żona inkwistjoni tinsab f'riskju akbar ta' nirien. Fil-fatt, fl-2012, iż-żona tal-foresti affettwata minn nirien fil-Bażilikata kienet żdiedet bi 93 % meta mqabbla mal-2011, u b'231 % meta mqabbla mal-perjodu 2009-11. Dawn in-nirien kienu fil-biċċa l-kbira seħħew f'żoni ta' foresti li huma proprjetà privata. Il-limitazzjoni tal-appoġġ għal foresti municiċipali kienet minħabba l-intenzjoni li jiġi żgurati l-impjeg għall-ħaddiema fil-foresti li kull sena jiġu rekrutati għal xogħol staġjonali f'foresti li huma proprjetà municiċipali (ara l-paragrafu 31).

## 41

Fi Spanja (Andalusija), filwaqt li aktar minn 70 % tal-foresti huma f'idejn privati, in-nefqa taħt il-miżura għal żoni tal-foresti pubbliċi kienet madwar tliet darbiet aktar milli għal daww privati. La l-PŻR u lanqas l-evalwazzjoni *ex-ante* ma pprovdew informazzjoni li kienet tiġġustifika d-distribuzzjoni inugwali ta' riżorsi finanzjarji, filwaqt li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli dwar in-nuqqas ta' profittabbiltà tas-settur tal-foresti privati tindika ħtieġa għal appoġġ pubbliku.

## 42

Barra minn hekk, fl-istess reġjun, fil-każ tas-sejthiet kompetittivi għal proposti ta' investiment fl-2008, l-appoġġ pubbliku mogħti taħt il-Miżura 226 għat-tindif ta' buxxijiet u ta' żoni koperti b'arbuxxelli rrappreżentaw sitt darbiet aktar riżorsi finanzjarji mill-ammont totali użat fir-reġjun għal azzjonijiet speċifiċi oħra ffinanzjati għall-prevenzjoni tan-nirien bħall-ħolqien u l-manutenzjoni ta' spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, jew il-ħolqien u l-manutenzjoni ta' punti tal-ilma. Filwaqt li t-tindif ta' buxxijiet u ta' żoni koperti b'arbuxxelli għandu effett pożittiv biex wieħed ilaħħaq mat-tixrid tan-nirien, huma attivitajiet għaljin li jirrikjedu ħafna ħaddiema. L-awtoritajiet Spanjoli rrikonoxxew li t-tindif u t-tnaqqija kienu ntużaw f'ħafna żoni fejn il-ħruq ikkontrollat kien ikun ekonomikament u ekoloġikament rakkomandabbli. Huma ġġustifikaw l-għażla tagħhom min-nuqqas ta' persunal b'ħiliet u l-eżistenza ta' ostakoli legali (ordinijiet ta' ħruq amministrattivi dettaljati huma meħtieġa) u soċjali, iżda qed jippanaw li jiżviluppaw l-użu ta' ħruq ikkontrollat fil-futur qarib.

## Parti II - Instabu azzjonijiet li ma kinux xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-miżura

**Min-natura tagħhom, l-azzjonijiet awditjati ġeneralment ikkontribwixxew għall-objettivi tal-Miżura 226, madankollu...**

### 43

L-appoġġ taħt il-Miżura 226 kellu jingħata biss għar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija f'foresti li saritilhom il-ħsara minn diżastri naturali u nirien u għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni. Minħabba n-natura tagħhom (spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, tnaqqija, tindif eċċ.), ħafna mill-azzjonijiet kofinanzjati li ġew eżaminati matul l-awditu ġeneralment ikkontribwixxew għall-objettivi tal-appoġġ. Xi proġetti kienu b'mod partikolari rilevanti minħabba n-natura ta' protezzjoni għolja tagħhom (ara l-**Kaxxa 2**).

**... ingħata appoġġ għal xi azzjonijiet għall-forestrija, mhux marbuta ma' diżastri naturali**

**Ġestjoni ta' pesti u tal-mard**

### 44

Azzjonijiet ta' restawr u ta' prevenzjoni taħt il-Miżura 226 għandhom ikunu relatati mad-diżastri, jiġifieri li għandhom ikunu marbuta mal-okkorrenza jew mar-riskju ta' diżastru naturali. Ħsara kkawżata minn insetti/pesti jew mard fis-sens strett tal-kelma ma titqiesx bħala diżastru naturali<sup>34</sup>. Għal dik ir-raġuni, azzjonijiet relatati ma' ġestjoni tal-pesti normali ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament sakemm it-tifqigħa ma tkunx konsegwenza ta' diżastru naturali. Fi Spanja (Andalusija) u fis-Slovakkja, azzjonijiet ta' prevenzjoni relatati mal-ġestjoni tal-pesti ġew appoġġati taħt il-Miżura 226, minkejja li ma kienu marbuta mal-ebda diżastru naturali. Dawn tqiesu eliġibbli billi diġà kien hemm tifqigħa ta' pesti fiż-żona. Madankollu, l-iskala limitata tat-tifqigħa ma ġġustifikatx l-eżistenza ta' riskju ta' diżastru naturali.

34 Ir-rapport tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali ta' Marzu 2009 dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' forestrija taħt ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 (Report on implementation of forestry measures under Regulation (EC) No 1698/2005)<sup>34</sup>... Nevertheless, actions related to pest management can be considered eligible under this measure, if linked to a natural disaster eg. windfall, floods or forest fires" (... Madankollu, azzjonijiet relatati ma' ġestjoni tal-pesti jistgħu jitqiesu eliġibbli taħt din il-miżura, jekk ikunu marbuta ma' diżastru naturali eż. twaqqiġ mir-riħ, għargħar jew nirien fil-foresti).

### Eżempju ta' prattika tajba (proġetti ta' valur ambjentali għoli)

Fl-Awstrija bosta proġetti ġew iffinanzjati għall-prevenzjoni ta' valangi f'foresti taħt status ta' protezzjoni bit-tweqqif ta' qtugħ orizzontali ta' siġar, li wkoll jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-protezzjoni ta' nixxigħat tal-ilma li jagħtu għal sistemi tal-ilma muniċipali fil-qrib.



## Azzjonijiet trasferiti minn miżuri oħra

### 45

Fl-Awstrija l-azzjonijiet kollha inizjalment imnedija taħt il-Miżura 224, "Ħlasijiet Natura 2000", u l-Miżura 225, "Ħlasijiet għall-ambjent tal-foresta" ġew fil-fatt iffinanzjati taħt il-Miżura 226. Madankollu, il-Miżura 224 u l-Miżura 225 jikkonċernaw azzjonijiet immirati lejn il-manutenzjoni u t-titjib tal-funzjonijiet ambjentali ta' żoni u formazzjonijiet tal-foresti mhux marbuta mal-prevenzjoni tad-diżastri, filwaqt li l-Miżura 226 tipprevedi biss appoġġ relatat mad-diżastri. B'mod simili, xi proġetti ta' tħawwil, inizjalment ippreżentati taħt il-Miżura 122 intenzjonati għat-"Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti" aktar tard ġew approvati taħt il-Miżura 226, mingħajr indikazzjoni ċara tar-rabtiet tagħhom ma' kwalunkwe diżastru naturali.

## Żieda fl-għadd ta' speċijiet ta' siġar

### 46

L-appoġġ taħt il-Miżura 226 f'Andalusija kien jinkludi azzjonijiet immirati lejn il-manutenzjoni u t-titjib tal-ekosistemi ta' żoni msaġġra biż-żieda tal-għadd ta' speċijiet ta' siġar f'żona partikolari fejn ma kien hemm l-ebda deterjorament jew telfien ta' kopertura mis-siġar bħala konsegwenza ta' diżastru naturali jew nirien. Għaldaqstant, f'Andalusija, l-oġġettiv primarju ta' dawk l-azzjonijiet ma kienx relatat mal-oġġettiv tal-Miżura 226.

## Infrastruttura mibnija ferm wara l-okkorrenza tad-diżastru naturali

### 47

Il-ħżin ta' injam imxarrab huwa teknika li tgħin biex tinżamm il-kwanlità tal-injam wara l-qtugħ u b'hekk jottimizza l-prezz tal-bejgħ. Il-faċilitajiet tal-istokkjar tal-injam ġew appoġġati fl-Awstrija għall-prevenzjoni ta' tifqigħat ta' ħanfus tal-qxur tas-siġar f'żoni tas-siġar tal-arżnu affettwata mill-okkorrenza ta' diżastri naturali (tempesti tar-riħ). L-awditu sab li faċilitajiet bħal dawn, li nbnew ħafna wara l-okkorrenza tad-diżastru, effettivament intużaw għall-istokkjar tal-fagu, li huwa biss affettwat marġinalment minn ħanfus tal-qxur tas-siġar.

## Ma setgħux jiġu vverifikati r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ewlenin għal xi tipi ta' operazzjonijiet implimentati

### 48

L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 65/2011 jipprovdi li, bħala prinċipju ġenerali ta' kontroll, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' kontroll li tiżgura li l-kontrolli kollha neċessarji jitwettqu għal verifika (verifikazzjoni) effikaċi tal-konformità mat-termini li taħthom jingħata l-appoġġ. L-Artikolu 33(2) tal-istess regolament jipprovdi li għandu jinżamm rekord għall-verifika (rendikont tal-entrati) suffiċjenti.

## 49

L-awditu tal-Qorti sab id-dgħufijiet sistemiċi stipulati fil-**Kaxxa 3**. Minħabba dawk id-dgħufijiet, ma kienx possibbli li tiġi vverifikata l-konformità mat-termini li taħthom ingħata l-appoġġ, minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni jew informazzjoni li tappoġġa r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ewlenin.

### Ingħata appoġġ għal toroq tal-foresti fejn il-benefiċċju partikolari għall-prevenzjoni tan-nirien ma ntweriex...

## 50

Il-Miżura 226 appoġġat il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' toroq u linji tal-foresti fi Franza (Aquitaine), fl-Awstrija, fis-Slovakkja u fi Spanja (Andalusija) li ntużaw għall-estrazzjoni tal-injam u ta' prodotti oħra tal-foresti (qaxur tas-siġar tas-sufra) minn foresti privati produttivi (ara l-**Kaxxa 4**).

## 51

L-iskop tal-Miżura 226 mhuwiex il-ħolqien u l-manutenzjoni ta' toroq tal-foresti użati prinċipalment għall-estrazzjoni tal-injam u ta' prodotti oħra tal-foresti. Għal dawn l-operazzjonijiet, il-FAEŻR jipprovdi appoġġ xieraq taħt l-Assi I (il-Miżura 122 u l-Miżura 125) li għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tas-settur tal-forestrija. Filwaqt li t-toroq tal-foresti huma meħtieġa għall-ġlieda kontra n-nirien, il-Miżura 226 għandha tevita li tappoġġa proġetti li huma prinċipalment motivati minn objettivi ekonomiċi, mingħajr ma jkollhom benefiċċju partikolari għall-prevenzjoni tan-nirien. Bosta proġetti awditjati (ħamsa mit-tmienja awditjati li jinvolve t-toroq f'foresti li huma proprjetà privata) ma kinux jinkludu ġustifikazzjoni ta' benefiċċji fir-rigward tal-objettivi ta' prevenzjoni tan-nirien, biex b'hekk jiġi żgurat kontribut effettiv tal-appoġġ għal objettivi ambjentali.

## Kaxxa 3

### Eżempji ta' informazzjoni jew ta' dokumentazzjoni insuffiċjenti relatati mal-ġhoti ta' appoġġ taħt il-Miżura 226

F'Aquitaine (Franza), kriterju ta' eliġibbiltà importanti li għandu jiġi vverifikat għall-applikazzjonijiet kollha għall-għajjnuna kienet il-konformità mal-livell limitu minimu ta' ħsara stabbilit mill-awtoritajiet reġjonali (minimu 40 %). L-awditu żvela li ma kien hemm l-ebda sistema ta' informazzjoni amministrattiva biex jiġu identifikati l-formazzjonijiet tal-foresti affettwati mit-tempesti tar-riħ tal-1999 u l-livell ta' ħsara. B'riżultat ta' dan, ma kienx possibbli li tiġi vverifikata l-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-applikanti.

Fis-Slovakkja, id-dokumentazzjoni fil-fajls tal-proċess ta' akkwist pubbliku kienet inkompleta peress li l-offerta rebbieħa biss inżammet fil-fajl benefiċjarju, iżda mhux l-offerti telliefa. Dan jirriżulta f'telfien ta' evidenza dwar l-evalwazzjoni effettiva tal-offerti.



### Eżempju tal-użu ekonomiku mit-toroq tal-foresti appoġġati mill-Miżura 226 (Aquitaine, Franza)



#### 52

Fl-Awstrija, pereżempju, proġett kien jikkonċerna l-kostruzzjoni ta' triq tal-foresta, li tagħti aċċess għal 25 ħa ta' foresti. L-iskop prinċipali tal-proġett kien il-ftuħ tal-foresta għall-estrazzjoni tal-injam mill-proprjetarji tagħha. Argomenti mressqa fil-fajls tal-proġett jinkludu l-mobilizzazzjoni ta' riżervi tal-foresti mhux użati, iż-żieda tal-profittabbiltà tal-mobilizzazzjoni ta' injam u l-provvista ta' magni lokali tas-serrar.

**... u jista' jkun hemm effetti sekondarji ambjentali negattivi mingħajr kunsiderazzjoni adegwata tal-kundizzjonijiet lokali**

#### 53

Il-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-ħolqien u l-manutenzjoni ta' toroq tal-foresti taħt il-Miżura 226 għandhom isiru ċari, biex b'hekk jiġi żgurat kontribut effettiv tal-appoġġ għal objettivi ambjentali. Ir-regolamenti tal-UE ma ddefinixxew l-ebda rekwiżit minimu, bħal limitazzjoni tal-aċċess, densità li ma tipperikolax

is-salvagwardja tal-ekosistemi jew ċertifikazzjoni obbligatorja ta' proġetti minn servizzi lokali tat-tifi tan-nar, biex jiżguraw protezzjoni adegwata tal-ambjent. Skont il-"Feasibility Study on means of combating forest die-back in the European Union" (Studju tal-Fattibbiltà dwar mezzi biex tiġi miġġielda l-qerda tal-foresti fl-Unjoni Ewropea" rapport tekniku imħejji għad-DĠ ENV (Diċembru 2007) "road construction may contribute to forest protection, or may do the opposite (...) Networks of forest roads provide aċċess to forest fires and therefore help forest fire fighting. In contradiction forest roads can lead to an increased fragmentation of forests, de-stabilising ecosystem functions and therefore leading to an increased vulnerability of forests". (Il-kostruzzjoni tat-toroq tista' tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-foresti, jew tista' tagħmel l-oppożitt (...)) In-netwerks tat-toroq tal-foresti jipprovdu aċċess għal nirien fil-foresti u għalhekk jgħinu fit-tifi tan-nar fil-foresti. F'kontradizzjoni ma' dan, it-toroq tal-foresti jistgħu jwasslu għal frammentazzjoni akbar tal-foresti, li tiddestabilizza l-funzjonijiet tal-ekosistema u għaldaqstant twassal għal vulnerabbiltà akbar tal-foresti".

## 54

Fis-Slovakkja, għat-toroq tal-foresti koperti mill-operazzjonijiet ifffinanzjati taħt il-Miżura 226, il-PŻR approvati mill-Kummissjoni kienu jipprevedu l-aħjar densità ta' 20-25 m/ħa. L-awditu sab li fil-verità ġiet appoġġata densità sproporzjonatament għolja tat-toroq tal-foresti, u dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-istatus ekoloġiku tal-foresti kkonċernati. Pereżempju, fl-2008, beneficijarju privat, applika għal erba' proġetti relatati mal-ħolqien ta' toroq ġodda tal-foresti fl-azjenda tal-foresti tiegħu<sup>35</sup>. Qabel l-investment infrastrutturali, it-tul tat-toroq tal-foresti fl-azjenda tal-foresti tiegħu kien marġinali. B'riżultat tal-investment, inbnew bejn wieħed u ieħor inbnew 40 km ta' toroq ġodda tal-foresti, u dan irriżulta f'densità ta' 36 m/ħa tat-toroq tal-foresti, li hija ogħla mill-aħjar densità ta' 20-25 m/ħa indikata fil-PŻR. Benefiċjarju ieħor bena 3 619 m ta' toroq tal-foresti fl-azjenda tal-foresti tiegħu li kellha densità ta' 24,96 ħa, u b'hekk kiseb densità ta' 145 m/ħa tat-toroq tal-foresti, li hija għolja ħafna meta mqabbla jew mal-medja Slovakkja (bejn wieħed u ieħor 10,6 m/ħa) jew inkella mal-aħjar densità ta' 20-25 m/ħa indikata fil-PŻR.

## Parti III - Il-kosteffettività tal-azzjonijiet ifffinanzjati ma ġietx żgurata b'mod adegwat

### Ir-raġonevolezza tal-ispejjeż mhux dejjem intweriet

## 55

L-Artikolu 24(2)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar proċeduri ta' kontroll, jipprevedi li l-kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għal appoġġ għandhom jinkludu l-verifika (verifikazzjoni) tar-raġonevolezza tal-ispejjeż sottomessi, li għandhom jiġu evalwati bl-użu ta' sistema ta' evalwazzjoni xierqa, b'hal spejjeż ta' referenza, tqabbil ta' offerti differenti jew kumitat ta' evalwazzjoni.

## 56

Defiċjenzi fil-proċeduri stabbiliti fl-Awstrija, fis-Slovakkja u fl-Italja (l-Bażilikata) affettwaw ir-raġonevolezza tal-ispejjeż tal-azzjonijiet appoġġati (ara l-**Kaxxa 5**).

35 Il-foresta totali hija klassifikata b'hal żona ta' riskju għoli ta' nirien.

## Eżempji ta' ġustifikazzjoni insuffiċjenti tal-ispejjeż standard

### Eżempju 1

Fl-Awstrija, it-tip ta' interventi u l-limiti massimi tagħhom (limiti massimi fissi jew somom f'daqqa għal kull ħa jew siġra) ġew definiti kull sena. Madankollu, ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni jew loġika apparenti għall-istabbiliment ta' ċerti limiti massimi li ġew modifikati b'mod sinifikanti minn sena għal oħra:

#### Afforestazzjoni wara diżastri naturali

F'Kärnten, il-limitu massimu għal afforestazzjoni ta' foresta decidwa (>75 % weraq wisgħin) ġie inizjalment iffissat f'ammont ta' EUR 1 800/ħa fl-2008, filwaqt li mill-2009 dan żdied għal EUR 2 500/ħa. Fl-2010 l-appoġġ għall-afforestazzjoni kien sa EUR 6 000 euro/ħa.

#### Tnaqqija

Barra minn hekk, f'Kärnten, kien hemm żieda fil-limitu massimu għat-tnaqqija minn EUR 300/ħa fl-2008 għal EUR 400 euro/ħa fl-2009 u, fil-każ ta' pagamenti ta' somom f'daqqa fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti minn EUR 420/ħa għal EUR 560/ħa.

Fl-Awstrija t'Isfel, l-appoġġ pubbliku għat-tnaqqija kien EUR 350/ħa mill-2007 sal-2009. Fl-2010 dan ġie miżjud għal ammont massimu ta' EUR 750/ħa (jekk sostnut b'fatturi) jew EUR 500/ħa f'każ ta' pagamenti ta' somom f'daqqa. Dawn iż-żewġ ammonti, it-tnejn li huma reġġu tnaqqsu għal EUR 350/ħa mill-2011 'il quddiem.

### Eżempju 2

L-ispejjeż standard stipulati fir-reġjun tal-Bażilikata kienu b'mod sinifikanti ogħla minn dawk f'reġjuni Taljani ġirien oħra għal azzjonijiet ta' prevenzjoni li kienu l-istess jew simili kif muri hawn taħt.

#### Xogħol manwali ta' tindif

L-ispiża standard tax-xogħol manwali ta' tindif għall-ħolqien ta' mogħdijiet b'wisa' ta' 1,2 metri fil-Bażilikata kienet EUR 7,81 għal kull metru,; filwaqt li l-ispiża standard ta' attività kumparabbli — il-ħolqien ta' "mogħdija b'wisa' ta' metru fi kwalunkwe tip ta' terren" — fir-reġjun tal-Pulja kienet biss EUR 3,58 għal kull metru.

#### Restawr ta' mogħdijiet għas-servizzi

Fir-rigward tar-restawr ta' mogħdijiet għas-servizz, il-ħin standard ta' xogħol kien 35 minuta għal kull metru u l-ispiża standard kienet EUR 6,89 għal kull metru fil-Bażilikata. Għal attività simili fir-reġjun tal-Pulja, il-ħin standard ta' xogħol kien disa' minuti (inklużi tliet minuti bi strimmer (tagħmir għall-qtuġh tal-ħaxix)) u l-ispiża standard kienet EUR 2,15 għal kull metru. Attività simili ġiet implimentata fir-reġjun tal-Kampanja bi spiża ta' EUR 2,77 għal kull metru.

## 57

Fir-reġjun tal-Bażilikata l-attivitajiet setgħu twettqu b'mod aktar ekonomiku u effiċjenti b'użu akbar minn magni (b'hal f'reġjuni oħra) aktar milli bl-użu minn ħaddiema. Minħabba l-użu aktar estensiv minn xogħol manwali, f'diversi każijiet l-ispejjeż standard stipulati fir-reġjun tal-Bażilikata huma ħafna ogħla milli f'reġjuni oħra għall-istess attivitajiet jew għal attivitajiet simili (ara l-**Kaxxa 6**).

## 58

Fis-Slovakkja, il-proġetti kollha huma suġġetti għal regoli tal-akkwist pubbliku, li għandhom jiżguraw l-effiċjenza fl-użu minn fondi pubbliċi. L-awdituri nnutaw li ma kien hemm l-ebda evalwazzjoni tar-raġonevolezza ta' xi waħda mill-ispejjeż ta' investiment ikklejmjati mill-benefiċjarji, minkejja li l-proġetti ġew iffinanzjati 100 % minn fondi pubbliċi. L-uniku kontroll formali kien li jiġi vverifikat li l-livell limitu stabbilit fil-proċess ta' akkwist pubbliku ma nqabiżx min-nefqa kklejmjata mill-applikant.

## Kaxxa 6

## Eżempju ta' attività għalja ħminħabba l-użu minn xogħol manwali

## Manutenzjoni ta' toroq tal-foresti

L-ispiża totali għall-manutenzjoni ta' 7 253,82 metru ta' triq tal-foresta fil-Bażilikata ammontat għal EUR 337 665,32<sup>36</sup> bi spiża standard ta' EUR 46,55 għal kull metru.

Għal triq tal-foresta simili bl-istess tul fit-Toskana, ix-xogħol ta' manutenzjoni mwettaq bl-użu kemm minn mezz manwali kif ukoll dawk mekkaniċi jkun jiswa biss EUR 37 828,67 billi l-ispiża standard f'dak ir-reġjun hija EUR 5,21 għal kull metru.

<sup>36</sup> EUR 46,55 għal kull metru.

## 59

F' Andalusija, xi azzjonijiet, li jirrappreżentaw madwar 13,5 % tal-prezz kuntrattwali totali għat-twettiq ta' xogħlijiet tal-forestrija fi proġett fir-rigward ta' foresti pubbliċi, ma kinux twettqu. Min-naħa l-oħra, xi azzjonijiet oħra kienu twettqu mill-kuntrattur bi prezz ħafna ogħla minn dak ipplanat fil-proġett tekniku. Peress li l-ispiża approvata totali tal-proġett ma kinitx inqabżet, il-benefiċjarju ma kien meħtieġ li jiġġustifika la n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' ċerti azzjonijiet u lanqas l-ispiża akbar ta' oħrajn.

## 60

Fi Franza, għal ċerti interventi ta' restawr u ta' manutenzjoni, il-benefiċjarji huma meħtieġa li jippreżentaw offerta waħda biss mal-applikazzjoni tagħhom. Il-preżentazzjoni ta' bosta offerti kieku tikkontribwixxi għall-iżgurar li tintgħażel l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

## Sitwazzjonijiet speċifiċi li jippreżentaw riskju ta' appoġġ pubbliku eċċessiv

### 61

L-għoti ta' appoġġ f'każijiet fejn il-ħtieġa tal-benefiċjarju ma tintweriex b'mod ċar (deadweight) idgħajjef l-effiċjenza tal-appoġġ.

### 62

Fl-Awstrija proġetti diġà kkompletati ġew iffinanzjati taħt il-miżura. Ir-regolament ta' implimentazzjoni nazzjonali daħal fis-seħħ fil-bidu tal-2008 u konsegwentement l-ewwel deċiżjonijiet tal-għoti nħarġu biss f'April 2008. Madankollu, benefiċjarji potenzjali kienu permessi u mħeġġa biex jippreżentaw applikazzjonijiet għal appoġġ minn Jannar 2007 u biex jeseġwixxu l-proġetti b'riskju tagħhom stess. B'kollox, 3 671 klejm għall-appoġġ ġew ippreżentati fl-2007, li minnhom mill-anqas 444 proġett ġew ikkompletati qabel id-data tad-deċiżjoni tal-għoti. Fir-rigward tal-applikazzjonijiet ippreżentati mill-2008 'l quddiem, mill-anqas 147 proġett ġew esegwiti qabel l-approvazzjoni tal-għotja, għalkemm ir-regolament ta' implimentazzjoni fis-seħħ mill-2008 'l hawn iddikjara li l-ispejjeż relatati mal-proġetti, għal proġetti taħt il-Miżura 226, ikunu eliġibbli biss mid-data tad-deċiżjoni tal-appoġġ. F'dawn is-sitwazzjonijiet, id-deċiżjonijiet inizjali tal-benefiċjarji għat-twettiq tal-proġetti mingħajr l-għajjnuna xeħtu dubju dwar il-ħtieġa tagħhom li jirċievu appoġġ pubbliku.

### 63

Fis-Slovakkja, żewġ benefiċjarji awditjati, li kienu qed jirċievu appoġġ għall-kostruzzjoni ta' toroq tal-foresti, ikkonfermaw waqt iż-żjara tal-awditjar fuq il-post li, kieku, kienu jwettqu l-azzjonijiet anke mingħajr il-finanzjament pubbliku.

### 64

Fi Spanja, art prinċipalment agrikola (mergħat bis-siġar, mergħat bl-arbuxxelli u bur), li kienet ġiet iddikjarata bħala "ettari eliġibbli" bl-iskop li jiġu attivati drittijiet għall-pagament<sup>37</sup> u identifikata, fis-sens strett tal-kelma, fis-sistema Spanjola ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba', kienet ukoll eliġibbli għall-iskop li jingħata appoġġ għall-forestrija taħt il-Miżura 226. Xi benefiċjarji rċewew appoġġ għat-tindif ta' arbuxxelli u buxxijiet taħt il-Miżura 226, bħala azzjoni ta' prevenzjoni kontra n-nirien, filwaqt li kienu diġà meħtieġa li jżommu l-ħabel art tagħhom bħala art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (jiġifieri mnaddaf minn arbuxelli u buxxijiet).

37 L-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.01.2009, p. 16), jstabbilixxi li l-appoġġ jingħata malli jiġi attivat id-dritt għall-pagament għal kull ettaru eliġibbli. "Ettaru eliġibbli" huwa definit fl-istess Artikolu bħala "kwalunkwe erja agrikola tal-azjenda... jew, meta l-erja (iż-żona) tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, użata predominatament għal attivitajiet agrikoli".

## Parti IV - L-għodod ta' monitoraġġ ma jippermettux lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw b'mod adegwat l-effiċjenza u l-effettività tal-miżura

### 65

Il-valutazzjoni ta' jekk il-Miżura 226 kinitx effettiva teħtieġ l-użu minn għodod ta' monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa, li jippermettu l-identifikazzjoni ta' titjib meħtieġ biex jiġi massimizzat l-impatt tal-appoġġ mill-UE.

### L-għodda ta' monitoraġġ disponibbli

### 66

Għall-perjodu 2007-13, tfassal "Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni" tfassal f'kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-progress, l-effiċjenza u l-effettività tal-implimentazzjoni tal-PŻR fir-rigward tal-oġġettivi tagħhom jitkejlu permezz ta' indikaturi relatati mas-sitwazzjoni bażi, l-eżekuzzjoni finanzjarja, il-prodotti, ir-riżultati u l-impatt tal-programmi<sup>38</sup>.

### 67

Il-Kummissjoni haġġet linji gwida li jstabbilixxu l-indikaturi komuni tal-prodotti komuni li ġejjin, li huma relatati mal-implimentazzjoni tal-Miżura 226: (a) għadd ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni / restawr; (b) żoni appoġġati ta' foresti li saritilhom il-ħsara u; (c) volum totali ta' investimenti. Barra minn dawn l-indikaturi tal-prodotti, l-indikatur tar-riżultati li ġej ġie definit fis-CMEF għall-Miżura 226: "area under successful land management contributing to the improvement of biodiversity, water and soil quality, and to mitigating climate change" (żona taħt ġestjoni tal-art b'suċċess li tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-bijodiversità, tal-ilma u lta-ħamrija, u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima).

### Indikaturi insuffiċjenti għall-kejl tal-ilħuq tal-oġġettivi

### 68

Għalkemm il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet ifffinanzjati huma ta' natura preventiva, l-indikatur tal-prodotti stabbilit għal azzjonijiet bħal dawn (għadd ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni) kien insuffiċjenti. L-indikatur tal-prodotti definit bħala żoni appoġġati ta' foresti li saritilhom il-ħsara jirreferi biss għal foresti li fil-fatt saritilhom il-ħsara minn diżastri, għalhekk dan l-indikatur huwa rilevanti biss għal azzjonijiet ta' restawr.

### 69

Fir-rigward tal-indikatur tar-riżultati relatat mat-titjib tal-kwalità tal-bijodiversità, tal-ilma u tal-ħamrija u mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-awditu sab li l-ebda waħda mill-awtoritajiet maniġerjali miżjura ma setgħet tattribwixxi r-riżultat ta' kull azzjoni għall-aspett wieħed jew l-ieħor tal-indikatur u, fil-fatt, xi wħud irrappurtaw l-istess żona totali bħala r-riżultat miksub għal kull aspekt tal-indikatur.

38 L-Artikoli 80 u 81 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

## 70

L-indikator tar-riżultati stab- bilit għall-perjodu ta' program- mazzjoni l-ġdid 2014-20<sup>39</sup> (numru (għadd) ta' azjendi agrikoli li jipparteċipaw fi skemi ta' ġestjoni tar-riskji) ma jirrappreżentax titjib għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-appoġġ, u għalhekk id-dgħufijiet identifikati x'aktarx li jippersistu.

### L-evalwazzjonijiet ta' nofs il-perjodu huma ta' utilità limitata

## 71

Il-programm ta' żvilupp rurali jiġu evalwati fir-rigward tat-tnejja, l-implimentazzjoni u l-ikkompletar tagħhom (evalwazzjonijiet *ex ante*, ta' nofs it-terminu u *ex post*). Filwaqt li l-evalwazzjoni *ex ante* għandha l-għan li tagħmel l-aħjar użu mill-allokkazzjoni ta' riżorsi baġitarji u li ttejjeb il-kwalità tal-programmazzjoni, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u dik *ex post* jeżaminaw il-grad tal-utilizzazzjoni ta' riżorsi, l-effettività u l-effiċjenza tal-programmazzjoni tal-FAEŻR, l-impatt soċjoekonomiku tiegħu u l-impatt tiegħu fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni. Fir-rigward tal-Miżura 226, l-erba' mistoqsijiet ta' evalwazzjoni definiti fis-CMEF għall-perjodu 2007-13 huma relatati mal-punt sa fejn l-azzjonijiet appoġġati kkontribwixxew għal: a) ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija (foresti li saritilhom il-ħsara); b) il-manutenzjoni ta' foresti (azzjonijiet ta' prevenzjoni); c) iż-żieda fil-ġestjoni sostenibbli tal-art tal-forestrija u; d) it-titjib tal-ambjent.

## 72

L-awditu sab li, fir-rigward tal-Miżura 226, l-informazzjoni miksuba mill-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu kienet differenti għalkollox u inkompleta. Pereżempju, għall-Bażilikata u Aquitaine l-evalwaturi ma pprovdewx tweġibiet għall-ebda waħda mill-mistoqsijiet, f'kuntrast ma' Andalusija. Madankollu, għalkemm il-mistoqsijiet kollha twieġbu għal Andalusija, ir-risposti mhux dejjem kienu utli għall-valutazzjoni tal-progress tal-implimentazzjoni għaliex l-istess ċifri (għadd ta' operazzjonijiet u għadd ta' ħa) ġew ipprovduti kemm għall-mistoqsijiet relatati mal-manutenzjoni ta' foresti kif ukoll mal-ġestjoni sostenibbli tal-art tal-forestrija.

### L-effettività ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni ma tkejlitx b'mod adegwat


## 73

Il-ħsarat min-nirien huma kkonċentrati fi ftit Stati Membri fir-reġjun tal-Mediterran. Statistika fil-livell tal-UE turi tnaqqis moderat fiż-żona totali maħruqa fis-snin reċenti (ara l-paragrafu 4). Madankollu, ix-xejra fil-livell tal-Istati Membri mhix l-istess (ara l-**Graff 3**).

39 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18).

Graff 3

Ettari ta' foresta maħruqa f'pajjiżi b'appoġġ taħt il-Miżura 226



Sors: L-EFFIS.

74

Il-biċċa l-kbira mill-appoġġ taħt il-FAEŻR taħt il-Miżura 226 kellha l-għan li tintroduċi azzjonijiet ta' prevenzjoni, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti (ara l-**Annex I**). Għalkemm 80 % tal-fondi tal-UE jintużaw għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' prevenzjoni, l-effettività ta' operazzjonijiet b'hal dawn ma titkejjilx. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda statistika biex tikkonferma l-effettività ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni tan-nirien implimentati mill-Istati Membri taħt il-Miżura 226 u ma talbet l-ebda informazzjoni ġeografika dwar iż-żoni fejn l-attivitajiet appoġġati ġew implimentati.



# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

31

## 75

Fil-perjodu 2007-13, l-appoġġ mill-UE taħt il-Miżura 226 ta' ŻR kellu l-għan li jirrestawra l-potenzjal tal-foresti f'foresti li saritilhom il-ħsara minn diżastri naturali u nirien, u li jintroduċi azzjonijiet xierqa ta' prevenzjoni. Il-biċċa l-kbira mill-appoġġ (80 %) kien għal azzjonijiet ta' prevenzjoni, prinċipalment kontra n-nirien. Il-Qorti eżaminat jekk l-appoġġ għex immaniġġjat tajjeb u jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunux jistgħu juru li l-appoġġ laħaq l-oġġettivi intenzjonati tiegħu b'mod kosteffettiv. Għe awditjat kampjun ta' 68 azzjoni, li minnhom 45 kienu fuq il-post mal-benefiċjarju finali.

## 76

Il-Qorti tikkonkludi li l-appoġġ ma kienx immaniġġjat tajjeb biżżejjed u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jistgħux juru li r-riżultati intenzjonati nkisbu b'mod kosteffettiv.

## 77

B'kunsiderazzjoni partikolari tal-fatt li appoġġ bħal dan huwa disponibbli fil-perjodu attwali ta' programmazzjoni attwali 2014-20<sup>40</sup>, il-Qorti tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet stipulati hawn taħt:

## L-azzjonijiet ta' prevenzjoni ma ġewx immirati biżżejjed

## 78

Il-Qorti nnutat li filwaqt li l-Miżura 226 timmira lejn foresti f'riskju medju sa għoli ta' nirien, ma hemm l-ebda definizzjoni jew kriterju komuni tal-UE biex dawn jiġu identifikati. Il-proċeduri tal-għażla fl-Istati Membri kellhom defiċjenzi b'modi differenti u kellhom nuqqas ta' kriterji tal-għażla espliċiti, evalwazzjoni effettiva ta' azzjonijiet proposti jew kienu jittraskuraw xi żoni ta' riskju. L-oġġettivi ambjentali ma ġewx prijoritizzati biżżejjed fl-istadju tal-għażla u xi drabi nqabżu matul l-implimentazzjoni (ara l-paragrafi 21 sa 42).

## Rakkomandazzjoni 1

L-Istati Membri għandhom:

- Jagħżlu l-azzjonijiet ta' prevenzjoni bbażati fuq kriterji espliċiti allinjati mal-ħtiġijiet u wara proċess ta' evalwazzjoni bir-reqqa u dokumentat.
- Isaħħu l-impatt protettiv ambjentali tal-appoġġ billi jiprijoritizzaw l-azzjonijiet fil-foresti ambjentalment huma l-aktar ta' valur bħal żoni tal-foresti ta' Natura 2000.

Il-Kummissjoni għandha:

- Tivverifika, matul l-approvazzjoni tal-PŻR tal-Istati Membri fir-rigward tal-perjodu 2014-2020, li l-ħtiġijiet għal azzjonijiet ta' prevenzjoni, fiż-żoni tal-foresti fejn l-appoġġ pubbliku huwa previst, huma deskritti u ġġustifikati b'mod adegwat.
- Tistipula kriterji bażiċi komuni biex tiddistingwi żoni tal-foresti li għandhom jiġu klassifikati bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli ta' nirien

40 L-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1305/2013.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Instabu azzjonijiet li ma kinux xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-Miżura

#### 79

Minkejja li, minħabba n-natura tagħhom (spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, tnaqqija, tindif eċċ.), ħafna mill-azzjonijiet kofinanzjati li ġew eżaminati, ġeneralment ikkontribwixxew għall-objettivi tal-appoġġ, il-Qorti sabet każijiet mhux relatati ma' diżastri naturali jew nirien, iżda motivati minn objettivi ekonomiċi jew ambjentali oħra. Għal xi tipi ta' operazzjonijiet implimentati, ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ewlenin ma setgħux jiġu vverifikati minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni. Il-Qorti sabet ukoll każijiet ta' toroq tal-foresti użati għall-isfruttament ekonomiku tal-foresti fejn il-benefiċċju partikolari għall-prevenzjoni tan-nirien ma ntweriex. Id-densità għolja tat-toroq mibnija jista' wkoll ikollha effetti ambjentali negattivi (ara l-paragrafi 43 sa 54).

### Rakkomandazzjoni 2

L-Istati Membri għandhom:

- Jiżguraw li jiġu appoġġati biss azzjonijiet marbuta ma' diżastri naturali jew ma' nar u
- Jistabbilixxu sistema ta' kontroll li tista' tiżgura l-verifikazzjoni effettiva ta' konformità mat-termini li taħthom jingħata l-appoġġ, u ż-żamma ta' dokumenti jew informazzjoni xierqa.

- Jagħtu attenzjoni akbar lill-kunsiderazzjonijiet ambjentali relatati mal-azzjonijiet appoġġati, b'mod partikolari billi jistabbilixxu salvagwardji xierqa għall-prevenzjoni ta' kontroeffetti ambjentali.

Il-Kummissjoni għandha:

- Tivverifika li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistema b'hal din.
- Tikkjarifika r-rekwiżiti għall-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-Miżura 226 biex jiġi żgurat li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prevenzjoni ta' nirien u diżastri naturali, b'mod partikolari meta jkunu jagħmlu parti minn attività ekonomika profittabbli u fis-sens strett tal-kelma jkunu jistgħu wkoll jiġu ffinanzjati taħt l-Assi 1.

### Il-kosteffettività tal-azzjonijiet iffinanzjati ma ġietx żgurata b'mod adegwat

#### 80

Fir-rigward tal-ispejjeż tal-azzjonijiet appoġġati, il-Qorti sabet każijiet fejn il-limitu massimu ta' appoġġ pubbliku ħafna drabi ġie modifikat mingħajr ġustifikazzjoni, fejn l-ispejjeż standard f'reġjun kienu ogħla b'mod sinifikanti milli f'ieħor għal azzjonijiet simili u fejn ix-xogħol manwali ġie prijoritizzat aktar mill-użu minn magni, u dan irriżulta fi spejjeż ogħla. Kien hemm ukoll sitwazzjonijiet li jippreżentaw riskji ta' appoġġ pubbliku eċċessiv meta kienu ntgħażlu proġetti diġà kkompletati, fejn il-benefiċjarji setgħu jiffinanzjaw operazzjonijiet waħidhom u fejn l-appoġġ mar għal ħbula ta' art agrikoli (ara l-paragrafi 55 sa 64).

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Rakkomandazzjoni 3

L-Istati Membri għandhom:

- Jiżguraw li l-ispejjeż standard stabbiliti għall-azzjonijiet appoġġati jkunu raġonevoli.
- Jiġġustifikaw il-limitu massimu ta' appoġġ — u kwalunkwe bidla fih — abbażi tal-ispejjeż normalment imġarrba mill-benefiċjarji.
- Jeħtieġu mill-benefiċjarji li dawn juru b'mod ċar il-ħtieġa tagħhom għall-appoġġ taħt il-Miżura 226.

**L-għodod ta' monitoraġġ ma jippermettux lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw b'mod adegwat l-effiċjenza u l-effettività tal-miżura**

### 81

B'mod partikolari, l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fis-CMEF kienu insuffiċjenti u l-evalwazzjonijiet disponibbli kienu ta' utilità limitata. Ma kienx possibbli li jinsiltu konklużjonijiet

dwar l-effettività tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni għaliex din l-effettività ma kinitx tkejjlet (ara l-paragrafi 65 sa 74). Id-dgħufijiet identifikati x'aktarx li jippersistu fil-perjodu 2014-20 peress li l-għodod ta' monitoraġġ il-ġodda proposti ma tejbux il-qafas ta' monitoraġġ għal dan l-appoġġ speċifiku.

### Rakkomandazzjoni 4

L-Istati Membri għandhom:


- Jirrapportaw dwar l-effetti tal-azzjonijiet imwettqa f'termini ta' tnaqqis fl-għadd ta' nieren/jew diżastri naturali u taż-żona li saritilha l-ħsara.

Il-Kummissjoni għandha:

- Ittejjeb il-monitoraġġ tagħha tal-miżura biex tiżgura li l-Istati Membri jimplimentawha f'konformità mal-oġġettivi speċifiċi stabbiliti.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sinjura Rasa BUDBERGYTÉ, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Diċembru 2014.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
President

## Allokazzjonijiet ta' riżorsi finanzjarji għall-miżura 226

(EUR elf)

Stati Membri	Nefqa pubblika ppjanata matul il-perjodu 2007-13 (l-ewwel PŻR)		Eżekuzzjoni Finanzjarja tan-Nefqa Pubblika fil-31.12.2012		Għadd ta' azzjonijiet appoġġati		Eżekuzzjoni Finanzjarja taħt il-FAEŻR (għal applikazzjonijiet ĠODDA fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-13)		
	Kontribuzzjoni mill-FAEŻR taħt il-Miżura 226	Total tan-nefqa pubblika taħt il-Miżura 226	Pagamenti mill-FAEŻR	Total tal-Pagamenti pubbliċi	Prevenzjoni	Restawr	Prevenzjoni - Pagamenti	Restawr - Pagamenti	Total tal-Pagamenti mill-FAEŻR
Il-Bulgarija	24 224	29 541	544	664	37	29	244	300	544
Ir-Repubblika Ċeka	22 379	28 017	11 068	13 835	47	264	3 189	7 879	11 068
Id-Danimarka	3 692	6 712	3 792	6 895	0	0	0	0	0
Il-Ġermanja	11 005	14 239	11 082	13 852	717	308	9 112	1 970	11 082
Il-Greċja	136 082	179 996	0	0	0	0	0	0	0
Spanja	468 573	789 950	342 441	543 633	18 666	1 223	275 944	25 486	301 430
Franza	257 364	467 498	154 768	283 910	455	5 656	7 153	40 010	47 163
L-Italja	233 655	431 691	143 722	252 069	1 716	261	131 141	9 725	140 866
Ċipru	2 250	4 500	1 336	2 671	86	30	962	373	1 336
Il-Latvja	12 974	16 218	1 676	2 104	13	248	1 091	584	1 675
Il-Litwanja	12 000	15 000	8 510	10 637	28	167	6 215	2 295	8 510
L-Ungerija	8 251	10 736	1 084	1 392	0	4 105	0	1 084	1 084
L-Awstrija	40 934	81 932	40 959	83 018	12 683	3 842	28 866	8 180	37 046
Il-Polonja	112 000	140 000	31 121	38 901	74	169	19 424	5 158	24 582
Il-Portugall	119 313	146 077	19 012	21 502	237	70	14 684	4 328	19 012
Is-Slovakkja	88 281	111 354	89 844	113 396	179	186	57 104	32 740	89 844
<b>TOTAL</b>	<b>1 552 977</b>	<b>2 473 463</b>	<b>860 958</b>	<b>1 388 480</b>	<b>34 938</b>	<b>16 558</b>	<b>555 129</b>	<b>140 113</b>	<b>695 242</b>

## Lista ta' operazzjonijiet eżaminati

Stat Membru	Numru tal-operazzjoni	Natura tal-operazzjoni	Tip ta' intervent	Total tannefqa pubblika (EUR)	Total tal-kontribuzzjoni mill-FAEŻR (EUR)	Żjara fuq il-post
ES	1	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, pjan f'każ ta' nirien	4 464,30	3 348,23	Iva
ES	2	Prevenzjoni	Tnaqqija, manutenzjoni ta' korsiji	641 768,30	482 437,85	Iva
ES	3	Restawr	Tindif, riforestazzjoni	13 013,61	9 782,18	Iva
ES	4	Restawr	Tindif, tnaqqija	499 443,40	374 582,55	Iva
ES	5	Restawr	Tnaqqija, manutenzjoni ta' korsiji	951 688,65	713 766,49	Iva
ES	6	Prevenzjoni	Azzjonijiet ta' prevenzjoni	51 488,59	38 871,67	Le
ES	7	Prevenzjoni u Restawr	Tnaqqija, tindif, manutenzjoni ta' linji tal-foresti, densifikazzjoni	2 262 163,20	1 741 226,39	Le
ES	8	Prevenzjoni u Restawr	Tnaqqija, tindif, riforestazzjoni, kostruzzjoni u manutenzjoni ta' korsiji	1 038 834,14	784 763,11	Le
ES	9	Prevenzjoni	Tnaqqija, tindif	1 750 955,95	1 313 216,96	Le
ES	10	Restawr	Tnaqqija, tindif	60 236,19	45 177,14	Le
ES	11	Restawr	Tindif	209 115,15	165 631,35	Le
ES	12	Prevenzjoni	Kostruzzjoni u manutenzjoni ta' spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien	278,78	225,00	Le
ES	13	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, pjan f'każ ta' nirien	34 323,01	33 750,00	Le
ES	14	Restawr	Manutenzjoni ta' toroq u korsiji tal-foresti	297 550,92	276 095,98	Le
ES	15	Prevenzjoni u Restawr	Tnaqqija, tindif u riforestazzjoni	1 712 450,99	1 314 688,73	Le
FR	1	Prevenzjoni tar-riskju	Tindif, restawr	5 368,00	9 760,00	Le
FR	2	Prevenzjoni tar-riskju	Access	44 791,12	81 438,40	Le
FR	3	Prevenzjoni tar-riskju	Infrastruttura	140 768,62	255 942,96	Iva
FR	4	Restawr tal-ħsara	Tindif, restawr	113 979,04	207 234,62	Iva
FR	5	Restawr tal-ħsara	Tindif, restawr	178 750,88	325 001,60	Iva
FR	6	Restawr tal-ħsara	Restawr	4 121,85	7 494,28	Iva
FR	7	Restawr tal-ħsara	Tindif, restawr	11 035,20	20 064,00	Iva
FR	8	Restawr tal-ħsara	Tindif, restawr	14 331,68	26 057,60	Iva
FR	9	Restawr tal-ħsara	Tindif	63 490,90	115 438,00	Le
FR	10	Restawr tal-ħsara	Tindif, restawr	34 342,00	62 440,00	Le
FR	11	Restawr tal-ħsara	Tindif, restawr	18 182,15	33 058,46	Le

Stat Membru	Numru tal-operazzjoni	Natura tal-operazzjoni	Tip ta' intervent	Total tannefqa pubblika (EUR)	Total tal-kontribuzzjoni mill-FAEŻR (EUR)	Żjara fuq il-post
IT	1	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	1 192 999,59	685 974,76	Iva
IT	2	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	1 034 691,15	594 947,41	Iva
IT	3	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	1 042 459,99	599 414,50	Iva
IT	4	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	816 808,12	469 664,67	Iva
IT	5	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	407 399,34	234 254,62	Iva
IT	6	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	394 524,99	226 851,87	Iva
IT	7	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	405 571,49	233 203,61	Iva
IT	8	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	1 244 483,70	715 578,13	Iva
IT	9	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	625 927,12	359 908,09	Iva
IT	10	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	616 179,62	354 303,28	Iva
IT	11	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	1 378 702,24	792 753,79	Iva
IT	12	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	706 745,31	406 378,55	Iva
IT	13	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	1 002 850,95	576 639,30	Iva
IT	14	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	900 440,30	517 753,17	Iva
IT	15	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	998 533,36	574 156,68	Iva
IT	16	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	499 266,68	287 078,34	Iva
IT	17	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji	608 695,65	350 000,00	Iva
IT	18	Prevenzjoni	Spazji biex iwaqqfu t-tixrid tan-nirien, linji, tindif	583 960,24	335 777,14	Iva
AT	1	Restawr	Tindif ta' foresti wara diżastru	33 800,00	16 413,00	Iva
AT	2	Prevenzjoni	Tnaqqija	5 840,00	3 041,00	Iva
AT	3	Restawr	Tħawwil	9 001,00	4 371,00	Iva
AT	4	Natura 2000	Siġar ambjentalment ta' valur	5 080,00	2 646,00	Iva
AT	5	Prevenzjoni	Qtugħ orizzontali, estrazzjoni permezz ta' kejbil	29 029,00	15 118,00	Iva
AT	6	Restawr	Estrazzjoni permezz ta' kejbil	17 058,00	8 283,00	Iva
AT	7	Restawr	Estrazzjoni permezz ta' kejbil	18 500,00	9 008,00	Iva
AT	8	Restawr	Estrazzjoni permezz ta' kejbil	115 883,00	56 273,00	Iva
AT	9	Prevenzjoni	Estrazzjoni permezz ta' kejbil, tħejjija, tħawwil, tnaqqija	123 698,00	61 994,00	Iva
AT	10	Prevenzjoni	Estrazzjoni permezz ta' kejbil, tħejjija, tħawwil, tnaqqija	98 538,00	48 250,00	Iva

## Anness II

Stat Membru	Numru tal-operazzjoni	Natura tal-operazzjoni	Tip ta' intervent	Total tan-nefqa pubblika (EUR)	Total tal-kontribuzzjoni mill-FAEŻR (EUR)	Żjara fuq il-post
AT	11	Prevenzjoni	Kontroll ta' ħanfus tal-qxur tas-siġar	684 810,00	333 434,00	Le
AT	12	Prevenzjoni	Triq tal-foresti	142 415,00	69 342,00	Le
AT	13	Prevenzjoni	Tiswija ta' foresta ta' protezzjoni, prevenzjoni ta' valangi, estrazzjoni permezz ta' kejbil, tħawwil eċċ.	128 062,00	62 250,00	Le
SK	1	Prevenzjoni	Infrastruttura, triq tal-foresti, ġibjun tal-ilma, monitoraġġ	503 619,00	402 895,00	Iva
SK	2	Prevenzjoni	Infrastruttura, triq tal-foresti	404 885,00	222 687,00	Iva
SK	3	Prevenzjoni	Infrastruttura, triq tal-foresti, ġibjun tal-ilma	903 141,00	722 513,00	Iva
SK	4	Restawr	Tfiġh tal-ġir mill-ajru u fertilizzazzjoni	633 904,00	507 123,00	Iva
SK	5	Restawr	Riforestazzjoni	204 132,00	163 305,00	Iva
SK	6	Prevenzjoni	Infrastruttura, triq tal-foresti	778 136,00	622 509,00	Iva
SK	7	Prevenzjoni	Infrastruttura, triq tal-foresti	79 689,00	63 751,00	Le
SK	8	Prevenzjoni	Tindif u manutenzjoni tal-istrixxa tat-tifi tan-nar	371 433,00	297 146,00	Le
SK	9	Prevenzjoni	Infrastruttura, triq tal-foresti; miżuri kurattivi oħra	504 977,00	403 982,00	Le
SK	10	Restawr	Riforestazzjoni, triq tal-foresti	1 495 292,00	1 196 234,00	Le
SK	11	Restawr	Riforestazzjoni	153 271,00	122 617,00	Le

## Sommarju Eżekuttiv

### IV

Il-Kummissjoni tqis li b'mod ġenerali l-miżuri ta' prevenzjoni tal-foresti kkontribwew għall-objettivi tal-programmi għall-iżvilupp rurali. Inkisbu riżultati konkreti u seħħew inqas okkorrenzi ta' nar. Barra minn hekk, ittiegħdu tagħlimiet li se jiġu applikati b'raba mal-perjodu 2014-2020, speċjalment fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura u gwida mtejba.

### V

Il-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali<sup>1</sup> jipprovdi li l-azzjonijiet preventivi kontra n-nirien għandhom ikopru ż-żoni li l-Istati Membri jikklassifikaw bħala żoni ta' riskju ta' nirien għoli jew medju skont il-pjanijiet tagħhom ta' protezzjoni. Dawn il-pjanijiet ta' protezzjoni tal-foresta u l-programmi nazjonali jew subnazjonali jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri pprovdew bażi xierqa biex ikunu missielta u prijoritizzati matul l-għażla.

Il-Kummissjoni analizzat is-sitwazzjoni fis-settur tal-foresti inkluż aspetti ta' prevenzjoni u monitoraġġ tal-foresti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2005, li kien jifforma anness mal-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Forestrija tal-UE<sup>2</sup>. Ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali talab sbiex il-miżuri forestali jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Forestrija tal-Komunità. L-Istrateġija tal-Forestrija msemmija hawn fuq tkopri l-aspetti ekonomiċi, ambjentali u soċjali ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005)

<sup>2</sup> Commission staff working document - Annex to the Communication on the implementation of the EU Forestry Strategy {COM(2005) 84 final} /\* SEC/2005/0333 \*/ [http://ec.europa.eu/agriculture/forest/1998-strategy-2006-action-plan/sec-2005-333\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/agriculture/forest/1998-strategy-2006-action-plan/sec-2005-333_en.pdf)

Fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni ġdid, il-Kummissjoni analizzat is-sitwazzjoni fis-settur tal-foresti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2013, li kien jifforma anness mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u għas-settur ibbażat fuq il-foresti".<sup>3</sup>

### VI

Bħala parti minn prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, toroq tal-foresti (jew investimenti oħra) mibnija primarjament għal skopijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien, jistgħu jintużaw ukoll għal azzjonijiet preventivi kontra riskji oħrajn kif ukoll għal xogħlijiet ta' restawr u rimedju, rikreazzjoni jew skopijiet ekonomiċi. Il-ħolqien ta' netwerk xieraq tat-toroq tal-foresti mhux biss jikkontribwixxi għal protezzjoni aħjar tal-foresti kontra nirien, imma wkoll għal valutazzjoni ekonomika sostenibbli tar-riżorsi forestali f'ħafna reġjuni. Ta' spiss, dawn l-azzjonijiet jeħtieġu li jsiru sabiex jiġi evitat telf komplet ta' interess soċjoekonomiku ta' żoni ta' foresti li jistgħu jwasslu biex dawn jiġu abbandunati u, fl-aħħar mill-aħħar, għal żieda fir-riskju ta' nar.

Rigward il-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni, tnejjew dokumenti ta' gwida sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri / ir-Reġjuni jużaw il-miżura b'mod korrett. Barra minn hekk, l-Istati Membri / ir-Reġjuni jridu jispeċifikaw il-ħtiġijiet u r-raġunijiet tagħhom aħjar, jekk jixtiequ jespandu d-densità tas-sistemi tat-toroq tagħhom.

<sup>3</sup> COM(2013) 659 finali: [http://ec.europa.eu/agriculture/forest/strategy/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/forest/strategy/index_en.htm)



## VII

Skont il-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni tadotta l-PŻR nazzjonali jew reġjonali, filwaqt li l-implimentazzjoni u l-iżguraw tal-kosteffettività u l-effiċjenza tal-appoġġ huma taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tagħhom.

Fir-rigward tal-użu ta' xogħol manwali minflok makinarju, xi kultant tali għażliet jistgħu jiġu marbuta mal-karatteristiċi tat-terren (l-orografija, l-aspetti ambjentali eċċ.) u għandu jitqies f'kuntest usa' għall-iżvilupp rurali.

## VIII

Huwa meħtieġ bilanċ bejn l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni u l-benefiċċji potenzjali tagħhom. B'mod speċjali, fil-każ ta' kejl ta' azzjonijiet preventivi huwa diffiċli u b'hekk għoli biex tiġi stabbilita katina ta' kawżalità. Barra minn hekk, l-effettività ta' interventi tal-forestrija partikolari tista' tiġi evalwata biss wara diversi snin jew għexieren ta' snin.

Fir-rigward tal-perjodu 2014-2020, sar titjib. Pereżempju, indikatur ġdid ta' "erja appoġġata" għal azzjonijiet preventivi se jinġabru mis-CMEs (Eżerċizzju ta' Maniġġar ta' Kriżijiet). Barra minn hekk, sabiex jinkisbu riżultati ta' evalwazzjoni ta' valur, huwa previst Rapport ta' Implimentazzjoni Annwali mtejjeb fl-2019. Fil-qafas ta' dan ir-rapport, se ssir evalwazzjoni tal-PŻR u se jiġu pprovduti l-ewwel riżultati dwar l-effiċjenza tal-PŻR.

## IX L-ewwel inċiż (b)

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-foresti Natura 2000 jirrappreżentaw valuri ambjentali għoljin u jipproduċu servizzi ta' ekosistema importanti u diversi. Barra minn hekk, diversi dispożizzjonijiet Natura 2000 japplikaw għall-foresti kollha fl-UE, kemm fis-siti ta' Natura 2000 kif ukoll barra minhom u f'dan ir-rigward ir-rwol tal-foresti lil hinn min-netwerk Natura 2000 huwa rilevanti ħafna wkoll.

## IX L-ewwel inċiż (c)

Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Regolament tal-Iżvilupp Rurali l-ġdid jinkludi miżura riveduta dwar il-protezzjoni u l-irkupru tal-foresti. Il-miżura l-ġdida tista' tipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jirrigwardaw il-prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi u tista' tipprovdi wkoll appoġġ għal azzjonijiet preventivi li jikkonċernaw organiżmi li jagħmlu ħsara u mard bil-kundizzjoni li r-riskju li jseħħ diżastru rilevanti jkun appoġġat b'evidenza xjentifika u rikonoxxut minn organizzazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi.

## IX L-ewwel inċiż (e)

Għadd ta' salvagwardji ambjentali huma diġà disponibbli fir-rigward tal-azzjonijiet appoġġjati. Pereżempju f'Natura 2000 is-sistema ta' protezzjoni skont l-Artikolu 6.2 u 6.3 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats<sup>4</sup> tiggarrantixxi li kwalunkwe deterjorament sinifikanti ta' dawn iż-żoni qed jiġi evitat. F'oqsma oħra, valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali se jikkontribwixxu wkoll għall-prevenzjoni ta' kontroeffetti ambjentali. Fl-aħħar nett, għall-azzjonijiet kollha li għandhom jiġu kofinanzjati mill-fondi tal-UE, jista' jkun meħtieġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ċertifikat ta' prattika ambjentali tajba jew ġestjoni sostenibbli tal-foresti bħala prekondizzjoni għall-kofinanzjament tal-UE.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, il-prestazzjoni ambjentali tal-benefiċjarji hija fuq quddiem nett tal-implimentazzjoni tal-miżuri differenti.

## IX L-ewwel inċiż (f)

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, meta jiġu applikati l-ispejjeż standard fil-programmi, l-Istati Membri / ir-Reġjuni għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti jkun xierqa u preċiżi u stabbiliti bil-quddiem b'mod ġust, ekwu u li jista' jiġi vverifikat. Għandu jiġi maħtur korp indipendenti biex jagħmel il-kalkoli għal kull spejjeż standard jew biex jikkonferma l-adekwatezza tal-kalkoli.

4 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

## IX L-ewwel inċiż (g)

Dokument ta' gwida dwar il-kontrolli u l-penalitajiet fl-iżvilupp rurali qed jitħejja u jiġi diskuss mal-Istati Membri. L-Anness I ta' dan id-dokument jinkludi lista ta' kontrolli għall-Istati Membri għall-valutazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż.

## IX It-tieni inciż (c)

Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda timplimenta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-ħtieġa għal deskrizzjoni xierqa ta' azzjonijiet preventivi hija inkluża fit-taqsima tal-Analiżi tal-Ħtiġijiet fl-istrateġija fil-PŻR għall-2014-2020 u f'xi każijiet anke fil-livell tal-Ftehimiet ta' Sħubija.

Il-Kummissjoni teżamina l-PŻRs sottomessi u tivverifika l-loġika tal-intervent u l-ħtiġijiet għal azzjonijiet ta' prevenzjoni matul il-perjodu ta' approvazzjoni tal-programm u titlob li azzjonijiet preventivi jkunu bbażati fuq pjan ta' ħarsien taż-żona kkonċernata.

## IX It-tieni inciż (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se teżamina mal-awtoritajiet nazjonali l-possibbiltà li l-livell xieraq ta' azzjoni fil-qasam ta' kriterji bażiċi komuni jkun jista' jiddistingwi bejn żoni forestali biex jiġu kklassifikati bħala baxxi, medji u għolja ta' riskju tan-nar.

## IX It-tieni inciż (c)

Il-Kummissjoni diġà qiegħda timplimenta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni twettaq awditi ta' konformità fl-Istati Membri sabiex tivverifika li n-nefqa mħallsa tkun konformi mar-regoli. Jekk matul l-awditi jinstabu dgħufijiet, japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji.

Il-miżuri u l-aġenzji tal-pagamenti li għandhom jiġu awditjati huma determinati fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju. L-importanza finanzjarja għandha rwol ewlieni fil-kwantifikazzjoni tal-esponiment għar-riskju. Dan ifisser li qasam ta' awditu bi nfiq għoli għandu aktar probabbiltà li jiġi kklassifikat ogħla u soġġettat għal awditu. Il-miżura 226 ġiet awditjata fl-2014 u se tiġi awditjata fl-2015.

## IX It-tieni inciż (d)

Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda timplimenta din ir-rakkomandazzjoni permezz tal-qafas legali tal-PŻR u gwida addizzjonali.

Il-miżura l-ġdida tkopri skala usa' ta' riskji u danni. Għall-perjodu 2014-2020, l-iskeda rilevanti ta' miżura li isservi bħala dokument ta' gwida tinkludi rekwiżiti dettaljati u kjarifikazzjonijiet u bħala tali jistgħu jservu ta' għodda ta' għajnuna għall-Istat Membru għal tfassil xieraq tal-miżura.

L-attenzjoni tal-Istati Membri/Reġjuni kienet attirata li f'każ ta' inċertezzi rigward l-iskop tal-azzjonijiet, hemm miżuri oħrajn immirati speċifikament biex iżidu l-valur ekonomiku tal-foresti.

## IX It-tieni inciż (e)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Xi adattamenti ġew introdotti diġà: pereżempju, l-indikatur "erja appoġġata" għal azzjoni preventiva tinġabar fis-CMEs 2014-2020.

Sabiex jinkisbu riżultati tal-evalwazzjoni ta' valur qabel, fl-2019 se jiġi introdott Rapport tal-Implimentazzjoni Annwali. Dan ir-Rapport ta' Implimentazzjoni Annwali jipprovdi valutazzjoni tar-riżultati tal-Programm u, fejn possibbli, valutazzjoni tal-impatti.

## Introduzzjoni

### 01

Il-Kummissjoni tqis li billi l-foresti huma multifunzjonali, u jservu skopijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali billi jipprovdu servizzi vitali ta' ekosistemi, il-funzjonijiet tagħhom ma jistgħux jiġu kompletament separati. Għalhekk, il-miżuri tal-forestrija mmirati primarjament lejn għanijiet ekonomiċi jistgħu jservu wkoll objettivi soċjali u ambjentali. Interventi primarjament protettivi jista' jkollhom ukoll benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali oħra. Il-karattru speċifiku tal-proċessi tal-forestrija għandhom jiġu kkunsidrati matul l-ippjanar, il-ġestjoni u l-kontroll ta' miżuri forestali.

### 04

It-tnaqqis taż-żoni maħruqa jistgħu jkunu minħabba l-implimentazzjoni tajba ta' sistemi ta' prevenzjoni tan-nirien fil-foresti ffaċilitat mill-miżura.

L-istatistika turi li ż-żona maħruqa hija aktar jew inqas f'livell stabbli bħalissa, li ma jfissirx li ma teżistix theddida dejjem akbar ta' nirien fil-foresti u diżastri oħra.

### 05

In-nirien fil-foresti wkoll għandhom impatt soċjoekonomiku importanti, li jaffettwa l-għajxien ta' dawk li huma dipendenti fuq il-foresti u joħloq distorsjonijiet fis-swieq tal-injam u jikkawża diżgrazzji.

## Osservazzjonijiet

### 21 L-ewwel punt

Il-Kummissjoni tqis li l-ħidma kontinwa tal-Grupp ta' Esperti dwar in-Nirien tal-Foresti tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Permanenti dwar il-Foresti li jaġixxi bħala pjattaforma ta' konsultazzjoni u informazzjoni mal-Istati Membri jipprovdi tagħrif xieraq lill-Kummissjoni dwar nirien tal-foresti u diżastri oħra, inkluż l-organizzmi li jagħmlu l-ħsara u l-mard. Il-PŻRs sottomessi jinkludu kapitolu dwar id-deskrizzjoni ta' foresti u s-sitwazzjoni ambjentali u din l-informazzjoni tappoġġa l-valutazzjoni tal-proposti tal-programm.

Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' modulu ta' Disturbi fil-Foresti tas-Sistema ta' Informazzjoni Forestali għall-Ewropa (Forest Information System for Europe (FISE), wara l-Komunikazzjoni reċenti dwar l-Istrateġija tal-Foresti tal-UE, se ssaħħaħ il-ħarsa ġenerali lejn diżastri naturali relatati mal-foresti.

### 21 It-tieni punt

Il-PŻRs jinkludu l-analiżi SWOT li tiggwida lill-Istati Membri u lir-regġuni sabiex jagħmlu għażliet strateġiċi dwar il-prijoritajiet, l-objettivi u l-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-programm u għandha tkun stabbilita wkoll linja bażi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm.

### Tweġiba komuni 22-24

Hemm differenzi bijoġeografiċi u klimatikament relatati sinifikanti fl-Istati Membri miċ-Ċirku Nordiku għall-Oċean Indjan (il-Gżira ta' Reunion FR), għalhekk, il-klassifikazzjoni tan-nirien tal-foresti għandhom jirriflettu l-karatteristiċi tar-regġun taħt riskju tan-nar.

Il-Regolament Nru 2158/92 talab li din il-klassifikazzjoni għandha tiġi proposta mill-Istati Membri u approvata mill-Kummissjoni.

Fil-FAEŻR attwali, l-Istati Membri mhumiex mistennija li jipproponu l-klassifikazzjoni ta' żoni b'livelli ta' riskju differenti lill-Kummissjoni. Hija l-kompetenza tal-Istati Membri li jagħżlu żoni b'hal dawn. L-Istati Membri l-ġodda kollha huma fil-Grupp ta' Esperti dwar in-Nirien tal-Foresti u jikkooperaw fl-attivitajiet tal-EFFIS. Tagħrif dwar in-nirien tal-foresti huwa għalhekk disponibbli. Dawn id-dispożizzjonijiet jindikaw l-intenzjoni komuni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jżommu l-miżuri ta' prevenzjoni ta' nirien fil-foresti mmirat u koerenti kemm jista' jkun, filwaqt li jit-qiesu d-differenzi sinifikanti bejn il-kundizzjonijiet bijoġeografiċi tal-Istati Membri.

Wieħed mill-obiettivi fl-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien tal-Foresti huwa li jkun hemm informazzjoni armonizzata dwar in-nirien fil-foresti madwar l-Ewropa. Din l-informazzjoni hija essenzjali f'attivitajiet ta' kollaborazzjoni reċiproka dwar il-prevenzjoni u l-ġlied tan-nirien fil-foresti.

## 25

Is-servizzi tal-Kummissjoni huma konxji tar-riskju ġenerali ta' Stat Membru jew reġjun fl-analiżi tal-PŻRs.

Il-Kummissjoni pproponiet metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju ta' nirien fil-foresti fil-kuntest tal-attivitajiet tal-EFFIS. Madankollu, hija meħtieġa aktar ħidma, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, sabiex tinstilet mappa armonizzata tal-fattur ta' riskju ta' nirien fil-foresti tal-Ewropa.

## 26

Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Slovakk biex jirrevedu sostanzjalment il-metodoloġija ta' klassifikazzjoni ta' żoni forestali b'riskju ta' nirien fl-Ittra ta' Osservazzjonijiet indirizzata matul in-negożjati tal-PŻR 2014-2020. Il-Kummissjoni se teżamina mill-qrib mal-awtoritajiet Slovakk l-istabbiliment tal-ħtiġijiet għall-perjodu 2014-2020 b'kont meħud tad-dejta fit-tul dwar l-okkorrenza ta' nirien u l-proporzjonalità tal-finanzjament mal-prevenzjoni.

## 27

Il-Kummissjoni tqis li għandha informazzjoni komprensiva dwar l-evoluzzjoni storika u l-evoluzzjoni pproġettata ta' diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi oħra, l-iżvilupp potenzjali ta' organiżmi ta' ħsara u mard fil-kuntest ta' FISE u permezz ta' studji (eż. dwar l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima<sup>5</sup> jew studji oħra dwar diżastri<sup>6</sup>). Madankollu, dik l-informazzjoni ma ġietx armonizzata madwar l-Istati Membri. Il-Kummissjoni ssegwi wkoll it-talbiet tal-Istati Membri għal attivazzjoni ta' Fondi ta' Solidarjetà Ewropea wara diżastri kbar u t-talbiet tagħhom għal modifiki tal-programmi ta' żvilupp rurali. Barra minn hekk, l-Istati Membri regolarment jinfurmaw lill-Kumitat Permanenti tal-Forestrija dwar avvenimenti estremi maġġuri.

## 28

Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq l-istabbiliment ta' Sistema ta' Informazzjoni Forestali għall-Ewropa (Forest Information System for Europe (FISE)). Prototip tas-sistema se tkun disponibbli u tiġi ppreżentata lill-Kumitat Permanenti tal-Forestrija f'Diċembru 2014.

## 29

Il-Kummissjoni tqis li għandha livell xieraq ta' għarfien dwar it-tipi ta' diżastri naturali li jaffettwaw lill-foresti u wkoll dwar il-ħtiġijiet għall-prevenzjoni tad-diżastri għall-analiżi tal-PŻRs permezz ta' kuntatti diretti mal-Istati Membri u r-reġjuni, laqgħat regolari tad-Diretturi tal-Foresti tal-UE u l-ħidma kontinwa tal-Kumitat Permanenti tal-Forestrija u l-FISE.

## 30

Meta wieħed iqis, m'hemm l-ebda definizzjoni komuni ta' "l-aktar żoni ta' valur tal-foresti", il-Kummissjoni se tappoġġa t-twaqqif ta' xi tip ta' "qafas ta' azzjoni ta' prijorità" għall-kofinanzjament tal-UE, simili għal dik li diġà teżisti fl-Istati Membri kollha għall-finanzjament ta' Natura 2000 permezz ta' fondi differenti tal-UE. Il-prijoritajiet tal-Istati Membri kif ifformulati f'dak il-qafas imbagħad jiġi rifless fl-għażla.

5 Impacts of Climate Change on European Forests and Options for Adaptation [http://ec.europa.eu/agriculture/analysis/external/euro\\_forests/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/analysis/external/euro_forests/index_en.htm)

6 <http://ec.europa.eu/environment/forests/studies.htm>

## Tweġiba komuni għal 31 – 33

Wieħed mill-kriterji stabbiliti mill-Awtorità ta' Ġestjoni għall-għażla tal-operazzjonijiet huwa l-koerenza mal-Pjan Forestali Reġjonali, u ma' strumenti oħra ta' pplanar tal-foresti. Dan jiżgura ċerta kwalità tal-operazzjonijiet magħżula u tingħata prijorità għall-interventi f'żoni b'riskju ogħla ta' nirien fil-foresti.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-programmi ta' prevenzjoni tan-nirien fil-foresti appoġġati mill-fondi tal-UE mill-1992, l-Istati Membri għandhom kompetenza konsiderevoli fil-prijoritizzazzjoni tal-proġetti.

Fil-livell reġjonali/ta' SM il-pjanijiet ta' protezzjoni tal-foresta fihom l-informazzjoni dwar kif jiġu ttrattati nirien fil-foresti u diżastri oħra. L-informazzjoni hija disponibbli wkoll fil-livell amministrattiv ta' provinċji (livell NUTS-3) dwar il-lokalità, id-daqs u l-kawżi ta' nirien fil-foresti. Fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, il-Kummissjoni talbet li fil-programmi ta' żvilupp rurali l-prevenzjoni u l-ħtiġiet ta' protezzjoni għandhom jiġu infurzati mil-pjan għall-protezzjoni tal-foresti.

## 34

L-Awstrija stabbiliet sistema għall-għażla ta' proġetti li ġiet approvata mill-Kumitat ta' Superviżjoni fid-19 ta' Ġunju 2014. Is-sistema tinvolvi approċċ fuq 3 stadji mibnija fuq il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà kif deskritti fil-miżuri, dispożizzjonijiet legali nazzjonali oħra u, jekk rilevanti, dwar kriterji aktar dettaljati. Din is-sistema l-ġdida għandha tiżgura livell għoli ta' kwalità tal-operazzjonijiet magħżulin għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

## 35

L-Istati Membri ilhom jistabbilixxu l-PAFs (Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità) għall-finanzjament tan-netwerk Natura 2000 tagħhom sa mill-2012. Fil-perjodu finanzjarju l-ġdid dawn il-PAFs se jirrappreżentaw għodda utli ħafna għall-prijoritizzazzjoni tal-azzjonijiet f'siti Natura 2000. Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-azzjonijiet proposti għal siti Natura 2000 ikunu f'konformità mal-PAFs tal-Istati Membri rispettivi, iżda wkoll azzjonijiet f'żoni li huma ambjentalment importanti oħra bħal pereżempju parks nazzjonali se jingħataw prijorità xierqa.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-foresti huma multi-funzjonali u valuri ambjentali għandhom jitqiesu f'kontest xieraq. Għalhekk, il-kriterji tal-għażla żviluppatti mill-programmi għandhom jinvolvu wkoll aspetti oħra ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

Barra minn hekk, bosta dispożizzjonijiet Natura 2000 japplikaw għall-foresti kollha fl-UE, kemm fis-siti ta' Natura 2000 kif ukoll barra minnhom.

## Kaxxa 1

L-Awtoritajiet Slovakki pproponew l-inklużjoni ta' kriterji ambjentali fost il-kriterji tal-għażla tas-submiżuri 8.3 u 8.4 (prevenzjoni u restawr ta' ħsara fil-foresti) taħt il-PŻR 2014-2020.

Fir-rigward ta' interventi speċifiċi fi Franza, dawn għandhom jintgħażlu skont il-kundizzjonijiet lokali. Fil-każ ta' ħamrija tar-ramel xotta b'kontenut organiku limitat ħafna fis-saff tal-wiċċ, l-utilizzazzjoni tal-gafef jistgħu jitqiesu bħala xierqa u jista' jipprovi soluzzjoni malajr sabiex tiġi restawrata fiż-żona danneġġata. F'ċerti oqsma, fir-rigward tal-kundizzjonijiet bijoġeografiki speċifiċi tagħhom, sistema xierqa ta' reazzjoni rapida hija meħtieġa għall-prevenzjoni tal-proliferazzjoni ta' organiżmu ta' ħsara u mard (li jista' jkollhom effetti negattivi fuq foresti mhux danneġġati jew protetti), li jnaqqas ir-riskju tan-nirien fil-foresti u tiġi evitata d-deżertifikazzjoni għandu jkun prijorità għolja.

## 37

Toroq tal-foresti li jservu għanijiet ta' prevenzjoni ta' nirien jistgħu jintużaw wkoll għal skopijiet oħra. Huma għandhom rwol importanti fir-ristawr u l-prevenzjoni ta' effetti negattivi ta' diżastri. Barra minn hekk il-bini ta' żewġ tipi ta' toroq, wieħed għall-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti u oħra għal skopijiet oħra, jista' jwassal għal trattament ineffettiv u bi spejjeż għolja ta' investiment.

Fis-Slovakkja toroq tal-foresti mibnija għall-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti fil-qafas tal-programmi għall-iżvilupp rurali ġew użati b'mod effiċjenti għal azzjonijiet ta' restawr malajr wara l-maltempati attwali u riħ qawwi. L-aċċess imtejjeb għen biex jitnaqqas ir-riskju ta' diżastri ulterjuri (nirien jew tifqigħat ta' organiżmi ta' ħsara) u bl-għajnuna ta' aċċess xieraq id-disturbi tal-ħamrija ġie minimizzat li salva materji organiċi tal-ħamrija u kien ta' benefiċċju għall-flora u l-fawna tal-ħamrija.

Ma hemm l-ebda mekkaniżmu effiċjenti għall-protezzjoni tal-foresti minn diżastri kkawżati mir-riħ jew borra. Għalhekk, l-azzjonijiet jiffukaw primarjament fuq il-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti. L-azzjonijiet ta' prevenzjoni qatt ma jkunu marbuta ma' ħsarat abijotiċi li seħħew, iżda biex dawn jiġu evitati. Għalhekk, il-proporzjon ta' appoġġ pubbliku fuq azzjonijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien ma jistax jintrabat direttament mad-dannu kkawżat minn nar.

Ara wkoll ir-risposta għall-punt 50.

## 38

Il-valutazzjonijiet dwar ir-riskji għall-foresti huma ffinanzjati minn fondi nazzjonali u tal-UE. L-Awstrija tattribwixxi ċerti ammonti (kwoti) tal-fondi tal-UE għar-reġjuni differenti. Il-kumpliment huwa ffinanzjat minn fondi nazzjonali.

## Risposta komuni għal 39 - 41

Il-baġit tal-miżura 226 huwa disponibbli għat-tipi kollha ta' foresti, privati u pubbliċi. Għalkemm matul l-implimentazzjoni tal-programm il-foresti pubbliċi rċevew appoġġ finanzjarju akbar, dan huwa newtralizzat f'termini ta' ettari appoġġati. Skont ir-rapport ta' progress annwali 2013 għal Andalusia, 78 % taż-żona tal-foresti appoġġata kienet privata.

Il-Kummissjoni tqis li huwa f'idejn l-Istati Membri u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni biex jintgħażlu l-aħjar proġetti filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u ġeografiċi tagħhom u li jiġġustifikaw kemm hu adegwat il-kalkolu tal-ispejjeż applikati.

L-appoġġ għal attivitajiet li jirrikjedu ħafna ħaddiema jista' jkun marbut mal-karatteristiċi tat-terren (l-orografija, l-aspetti ambjentali eċċ.) u għandu jitqies f'kuntest usa' għall-iżvilupp rurali.

## 42

Il-Kummissjoni tqis li l-ħruq, bħala metodu ta' żoni tal-ikklerjar hija operazzjoni riskjuża ħafna. Dan huwa soġġett għal kundizzjonijiet amministrattivi restrittivi ħafna u mhuwiex aċċettat soċjalment.

## 44

Il-Kummissjoni tqis li minħabba ż-żieda fil-frekwenza u l-qawwa ta' mewġiet ta' sħana u nixfiet twal ("kawża primarja"), li taħt ċerti kundizzjonijiet tista' wkoll tkun dikjarata bħala diżastri naturali, xi programmi introduċew azzjonijiet kontra "danni sekondarji" (organiżmi li jagħmlu l-ħsara u mard) li jipprevjenu skala ikbar ta' proliferazzjoni ta' ħsarat li jikkawżaw konsegwenzi ambjentali u soċjoekonomiċi serji. Għaldaqstant, jista' jingħad li l-interventi appoġġati permezz ta' miżuri għall-iżvilupp rurali kkontribwew b'suċċess għall-għan tal-miżura u tal-programmi rispettivi.

## 45

Il-Kummissjoni kkunsidrat il-fatt li matul il-perjodu ta' programmazzjoni, l-Awstrija ffaċċjat problemi bl-implimentazzjoni tal-miżuri 224 u 225. Minkejja l-inkoraġġiment kostanti, dawn il-miżuri ma ġewx implimentati b'suċċess. Għal din ir-raġuni l-Awstrija approvat proġetti li għandhom l-għan li jipprevjenu l-potenzjal tal-forestrija wkoll taħt M 226.

## 46

Il-Kummissjoni tqis li fuq il-bażi tal-għarfien disponibbli dwar il-foresti — l-interazzjoni fil-klima, id-diversifikazzjoni tal-foresti u introduzzjoni ta' bosta speċi ta' siġar tista' ttejjeb ir-reżiljenza tal-foresti kontra ħafna diżastri u nirien u tista' wkoll ittejjeb l-adattabilità għat-tibdil fil-klima. Dawn id-diversifikazzjonijiet għandhom jiġu introdotti qabel ma jseħħ diżastru, abbażi ta' opinjonijiet esperti, pjanijiet ta' protezzjoni tal-foresta u strateġiji ta' adattament fit-tul tal-foresti jew għall-klima.

## 47

Minħabba l-fatt li ż-żieda tal-frekwenza jew frekwenza ta' avvenimenti meteoroloġiċi estremi huwa previst mir-rapport IPCC<sup>7</sup> il-Kummissjoni tqis li din il-miżura hija xierqa biex tipprovdi rispons f'waqtu għal diżastri futuri.

Fir-rigward tal-fagu, mhux biss insetti iżda wkoll fungi varji jistgħu jkunu ta' ħsara għall-injam li jikkawża telf ta' valur sinifikanti u jifirxu r-riskju ta' organiżmi ta' ħsara u mard lill-foresti li ma jkollhomx ħsara preċedenti li huwa ta' detriment għal ekosistemi b'saħħithom.

Il-każ speċifiku identifikat mill-Qorti ser jiġi eżaminat mill-Kummissjoni.

<sup>7</sup> [https://www.ipcc.ch/pdf/special-reports/srex/SREX\\_FD\\_SPM\\_final.pdf](https://www.ipcc.ch/pdf/special-reports/srex/SREX_FD_SPM_final.pdf)

## Kaxxa 3

Is-sitwazzjoni ġiet irrimedjata. F'Aquitaine immaġni bis-satellita issa huma użati għat-traċċar taż-żoni bil-ħsara. Kull għonta raba' bi ħsara għandha tiġi kkontrollata minn espert li jivverifika l-portata tagħhom, qabel ma jitlob il-kumpens. Imbagħad, is-servizzi tal-Istat jipproċessaw l-applikazzjonijiet u jwettqu verifiki fuq il-post fuq bażi ta' kampjuni qabel ma jipprovdu kumpens.

L-awtoritajiet Slovakki ammettew żball amministrattiv u infurmaw lill-Kummissjoni li l-proċeduri interni rilevanti kienu diġà ġew aġġornati.

## 50

Toroq tal-foresti jistgħu jservu diversi għanijiet: jiffaċilitaw l-aċċess f'każ ta' nirien fil-foresti, jipprovdu aċċess għal operazzjonijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien, kif ukoll l-estrazzjoni tal-injam u prodotti forestali oħra.

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li toroq tal-foresti mibnija għall-fini ta' prevenzjoni tan-nar jistgħu wkoll iservu għanijiet oħra, sakemm il-funzjoni oriġinali tagħhom ma tiġix imfixkla minn użu alternattiv.

Ara wkoll ir-risposta għall-punt 51.

## 51

L-użu tat-toroq tal-foresti għal skopijiet ekonomiċi ma jikkompromettux r-rwol tagħhom fil-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti. It-tħaffif u t-tneħħija tal-bijomassa huwa parti importanti ta' miżuri ta' prevenzjoni ta' nirien fil-foresti. It-toroq huma wkoll użati għal trasport tal-injam bħala parti minn attivitajiet ta' ħarsien meħtieġa. B'kolloxx, l-użu multiplu ta' dawn it-toroq iżid il-kosteffiċjenza mil-lat ta' spejjeż tal-investiment.



**52**

L-użu tat-toroq tal-foresti għal skopijiet ekonomiċi ma jistax jikkomprometti l-kapaċità tagħhom li jservu skopijiet ta' prevenzjoni ta' diżastri tal-foresti.

**53**

Il-Kummissjoni tqis li minħabba l-fatt li l-kundizzjonijiet bijoġeografiċi, ġeoloġiċi u ekoloġiċi tal-foresti lokali, ivarjaw b'mod sinifikanti madwar l-UE, l-istabbiliment ta' kriterji dwar rekwiżiti minimi fil-livell tal-UE jista' jkun problematiku. Dawn ir-rekwiżiti minimi għandhom jiġu stabbiliti fil-livell l-aktar xieraq.

Barra minn hekk, il-ħolqien ta' netwerk xieraq tat-toroq tal-foresti mhux biss se jikkontribwixxi għal protezzjoni aħjar tal-foresti kontra nrien, imma wkoll fuq valutazzjoni ekonomika sostenibbli tar-riżorsi forestali f'ħafna reġjuni. Dan huwa spiss bżonnjuż biex jiġi evitat telf komplet ta' interess soċjoekonomiku ta' żoni forestali li jista' jwassal għall-abbandun tagħhom u, fl-aħħar mill-aħħar, anki għal żieda fir-riskju ta' nar.

**54**

Il-Kummissjoni tqis li d-densità tat-toroq tal-foresti jista' jkun ogħla jew inqas skont il-kundizzjonijiet ġeoloġiċi u bijoġeografiċi lokali. Barra minn hekk, toroq tal-foresti jistgħu jservu diversi żoni u stabbilimenti u jista' jagħti l-każ li xi sezzjonijiet ta' triq forestali jkopru oqsma fejn diġà hemm livell xieraq ta' densità tat-traffiku. Fil-PŻRs tal-2014-2020, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Slovakkji biex jinkludu, bħala wieħed mill-kriterji tal-għażla, id-densità tat-toroq fiż-żona.

## **Kaxxa 5**

Rati varjabbli ta' għajnuna ma kinux esklużi fil-perjodu ta' programmazzjoni li għadda. Madankollu, dawn mhumiex permessi fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid.

## **Kaxxa 5, Eżempju 2**

Ara t-tweġiba għall-punt 57

**57**

L-appoġġ għal attivitajiet li jirrikjedu ħafna ħaddiema jista' jkun marbut mal-karatteristiċi tat-terren (l-orografija, l-aspetti ambjentali eċċ.) u għandu jitqies f'kuntest usa' għall-iżvilupp rurali. L-użu ta' ħaddiema jistgħu jimplikaw metodi li jirrispettaw aktar l-ambjent u benefiċċji soċjoekonomiċi importanti li huwa wkoll wieħed mill-għanijiet tal-politika dwar l-iżvilupp rurali.

## **Kaxxa 6**

L-ispejjeż jistgħu jvarjaw minħabba fil-livelli varji u l-kundizzjonijiet ġeoloġiċi u ekoġeografiċi kif ukoll fatturi oħra. Jista' jkun hemm ukoll raġunijiet li jagħmluha impossibbli għal kollox li jintuża makkinarju jew li jintuża makkinarju aktar għoli minħabba pereżempju l-eżistenza ta' għoljiet, aċċess diffiċli, regoli ambjentali eċċ.

**58**

Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Slovakkji biex jinkludu verifika tar-raġonevolezza tal-ispejjeż fil-PŻR 2014-2020.

**60**

F'xi oqsma hemm numru limitat ta' fornituri tas-servizz għal ċerti kompiti speċifiċi.

**61**

Il-Kummissjoni tqis li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni huma l-korpi responsabbli biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-appoġġ fuq il-livell tal-proġett.

Deadweight bħala tali għandu jiġi evitat billi jiġi żgurat li l-investiment isir biss wara li l-applikazzjoni għall-appoġġ jew l-għoti ta' appoġġ. Inkella, il-valutazzjoni tad-deadweight tista' ssir relattivament suġġettiva u twassal għal trattament mhux ugwali bejn l-applikanti.



**62**

Għall-perjodu 2014-2020, fir-rigward ta' proġetti ta' investiment, hija biss in-nefqa magħmula wara li tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni mill-benefiċjarju li għandha tkun eliġibbli, skont l-Artikolu 60(2) tar-Regolament 1305/2013. L-Istati Membri jistgħu wkoll jimponu mument aktar tard bħal fid-deċiżjoni tal-għotja.

**63**

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li r-risposta tal-benefiċjarju x'għandhiex tkun investigata aktar biex jiġi ċċarat taħt liema kundizzjonijiet u kemm b'mod effettiv kien isir dan l-investiment u jekk l-għan oriġinali setax ikun miksub mingħajr l-appoġġ permezz ta' din il-miżura.

**64**

F'ċerti limiti, "ettaru eliġibbli" għall-attivazzjoni tal-intitolamenti tal-ħlas jista' jkun fih xi siġar, arbuxelli jew buxxijiet.

Il-limitazzjoni ta' żvilupp eċċessiv ta' dawk is-siġar, arbuxelli jew buxxijiet jista' jnaqqas ir-riskju ta' nirien fil-foresti f'żoni forestali tal-madwar.

### **Tweġiba komuni għal 65 – 67**

Il-Kummissjoni tqis li minħabba l-fatt li l-proċessi naturali tal-foresti huma kumplessi u li l-effetti ta' ċerti interventi jistgħu jitkejlu biss wara diversi snin jew għexieren ta' snin li jseħħu, miżuri ta' prevenzjoni tal-foresti għandhom jitqiesu f'kuntest usa' tal-iżvilupp rurali u f'medda ta' żmien fit-tul. Inventarji tal-foresti tal-Istati Membri li jistgħu jiġu ripetuti f'10-20 sena u programmi ta' monitoraġġ forestali oħra jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-bidliet. Miżuri forestali huma mfassla u implimentati abbażi ta' informazzjoni u esperjenzi miksuba permezz ta' mudelli ta' esperjenza dejjiema, tul 100-150 sena ta' esperjenzi mudell ta' ġestjoni tal-foresti ġestiti mill-istituti u universitajiet ta' selvikultura tal-Istati Membri.

**68**

Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, is-CMEF 2007-2013 kien jinkludi sett ta' indikaturi komuni tal-produzzjoni li jiżguraw l-aggregazzjoni u t-tqabbil fil-PŻRs u li huma mfassla biex ikunu rilevanti f'maġġoranza sinifikanti ta' każijiet. Biex juru l-ispeċifità, indikaturi addizzjonali jistgħu jintużaw mill-Istati Membri meta jkun xieraq.

L-indikatur "erja appoġġata" għal azzjoni preventiva tinġabar fis-CMEs 2014-2020. Dan se jimla l-vojt identifikat fis-CMEF 2007-2013.

**69**

L-osservazzjonijiet juru li, minħabba l-kumplessità u konnessjoni trasversali eżistenti ta' azzjonijiet differenti, f'ħafna każijiet, ma jagħmilx sens li l-indikaturi tar-riżultati jiġu kategorizzati f'livell dettaljat wisq. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni għażlet li tivvaluta r-riżultati fuq il-livell tal-qasam tal-attenzjoni fil-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

**70**

Dan l-indikatur huwa wieħed mill-elementi tas-sistema ta' valutazzjoni. Din is-sistema ġdida ta' valutazzjoni għandha tiġi kkunsidrata globalment.

**71**

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li fil-kuntest tal-PŻR, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu kellha valur miżjud limitat. Għalhekk ir-reqwizit li jsir evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ġie abolit għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

**72**

Ara t-tweġibiet għal 69 u 71.

## 73

Għalkemm il-medja ta' żoni maħruqa fl-UE mhux qed tiżdied, ħafna drabi d-danni min-nirien annwali huma kkonċentrati fi ftit pajjiżi biss. Dawn il-pajjiżi jvarjaw minn sena għal oħra (eż. il-Portugall & Spanja 2003, il-Portugall 2005, l-Italja & il-Greċja 2007, Spanja 2012, eċċ.). Kull sena, il-periklu ta' nirien estremi minħabba temp sħun u niexef lokali flimkien ma' rjieħ qawwija, jistgħu jseħħu f'regġuni speċifiċi. Pajjiżi speċifiċi jistgħu għalhekk jiffaċċjaw attività tan-nar fi snin partikolari estremi, xprunati minn kundizzjonijiet meteoroloġiċi ta' periklu min-nirien predominanti f'żoni tal-baċin tal-Mediterran jew xi mkien ieħor fl-Ewropa.

Fil-livell tal-Istati Membri individwali, id-differenzi osservati fit-tendenzi huma ta' spiss minħabba kundizzjonijiet ta' periklu ta' nirien estremi li seħħew fi snin partikolari f'serje kontinwa ta' żmien eżaminati, kif huwa evidenti meta tiġi analizzata d-dejta fuq bażi ta' kull sena kontra l-indikaturi meteoroloġiċi tal-periklu min-nirien<sup>8</sup>.

## 74

Il-Kummissjoni tqis li hemm esperjenza sinifikanti f'relazzjoni man-natura tal-miżuri ta' prevenzjoni inkluż l-għarfien dwar l-effiċjenza u l-effettività tagħhom għal kull settur tal-programm. Għadd ta' proġetti u programmi ta' prevenzjoni tal-foresti ġew appoġġati mill-fondi tal-UE u diversi studji u proġetti ta' riċerka ġew imwettqa matul l-aħħar 20 snin.

8 San-Miguel-Ayaz, J., Moreno, J.M., Camia, A. (2013) Analysis of large fires in European Mediterranean landscapes: Lessons learned and perspectives. *Forest Ecology and Management*, 294, pp. 11-22

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 76

Il-Kummissjoni tqis li b'mod ġenerali l-miżuri ta' prevenzjoni tal-foresti kkontribwew għall-oġġettivi tal-programmi għall-iżvilupp rurali. Inkisbu riżultati konkreti u seħħew inqas okkorrenzi ta' nar. Barra minn hekk, ittiegħdu tagħlimiet li se jiġu applikati b'rabta mal-perjodu 2014-2020, speċjalment fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura u gwida mtejba.

### 78

Il-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali<sup>9</sup> jipprovdi li l-azzjonijiet preventivi kontra n-nirien għandhom ikopru ż-żoni li l-Istati Membri jikklassifikaw bħala żoni ta' riskju ta' nirien għoli jew medju skont il-pjanijiet tagħhom ta' protezzjoni. Dawn il-pjanijiet ta' protezzjoni tal-foresti u l-programmi nazzjonali jew subnazzjonali jew strumenti ekwivalenti tal-Istati Membri pprovdew bażi xierqa biex ikunu missielta u prijoritizzati matul l-għażla.

Il-Kummissjoni analizzat is-sitwazzjoni fis-settur tal-foresti inkluż aspetti ta' prevenzjoni u monitoraġġ tal-foresti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2005, li kien jiffirma anness mal-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Forestrija tal-UE. Il-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali talab sabiex il-miżuri forestali jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Forestrija tal-Komunità. L-Istrateġija tal-Forestrija msemmija hawn fuq tkopri l-aspetti ekonomiċi, ambjentali u soċjali ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

9 Il-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005

Fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni ġdid, il-Kummissjoni analizzat is-sitwazzjoni fis-settur tal-foresti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2013, li kien jiffirma anness mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u għas-settur ibbażat fuq il-foresti".<sup>10</sup>

## Rakkomandazzjoni 1, L-Istati Membri għandhom, It-tieni inċiż

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-foresti Natura 2000 jirrappreżentaw valuri ambjentali għoljin u jipproduċu servizzi ekosistemiċi importanti u diversi. Barra minn hekk, diversi dispożizzjonijiet Natura 2000 japplikaw għall-foresti kollha fl-UE, kemm fis-siti ta' Natura 2000 kif ukoll barra minhom u f'dan ir-rigward, ir-rwol tal-foresti lil hinn min-netwerk Natura 2000 huwa rilevanti ħafna wkoll.

## Rakkomandazzjoni 1, Il-Kummissjoni għandha, L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni diġa qiegħda timplimenta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-ħtieġa għal deskrizzjoni xierqa ta' azzjonijiet preventivi hija inkluża fit-taqsim tal-Analiżi tal-Ħtiġijiet fl-istrateġija fil-PŻR għall-2014-2020 u f'xi każijiet anke fil-livell tal-Ftehimiet ta' Sħubija.

Il-Kummissjoni teżamina l-PŻRs sottomessi u tivverifika l-loġika tal-intervent u l-ħtiġijiet għal azzjonijiet ta' prevenzjoni matul il-perjodu ta' approvazzjoni tal-programm u titlob li azzjonijiet preventivi jkunu bbażati fuq pjan ta' ħarsien taż-żona kkonċernata.

<sup>10</sup> COM(2013) 659 finali: [http://ec.europa.eu/agriculture/forest/strategy/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/forest/strategy/index_en.htm)

## Rakkomandazzjoni 1, Il-Kummissjoni għandha, It-tieni inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se teżamina mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-possibbiltà li l-livell xieraq ta' azzjoni fil-qasam ta' kriterji bażiċi komuni jkun jista' jiddistingwi bejn żoni forestali biex jiġu kklassifikati bħala baxxi, medji u għolja ta' riskju tan-nar.

## 79

Bħala parti minn prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, toroq tal-foresti (jew investimenti oħra) mibnija primarjament għal skopijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien, jistgħu jintużaw ukoll għal azzjonijiet preventivi kontra riskji oħrajn kif ukoll għal xogħlijiet ta' restawr u rimedju, rikreazzjoni jew skopijiet ekonomiċi. Il-ħolqien ta' netwerk xieraq tat-toroq tal-foresti mhux biss jikkontribwixxi għal protezzjoni aħjar tal-foresti kontra nirien, iżda wkoll biex jagħmlu valutazzjoni ekonomika sostenibbli tar-riżorsi forestali f'ħafna reġjuni. Ta' spiss, dawn l-azzjonijiet jeħtieġu li jsiru sabiex jiġi evitat telf komplet ta' interess soċjoekonomiku ta' żoni ta' foresti li jistgħu jwasslu biex dawn jiġu abbandunati u, fl-aħħar mill-aħħar, għal żieda fir-riskju ta' nar.

Rigward il-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni, tnejjew dokumenti ta' gwida sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri / ir-Reġjuni jużaw il-miżura b'mod korrett. Barra minn hekk, l-Istati Membri / ir-Reġjuni jridu jispjefikaw il-ħtiġijiet u r-raġunijiet tagħhom aħjar, jekk jixtiequ jespandu d-densità tas-sistemi tat-toroq tagħhom.

## Rakkomandazzjoni 2, L-Istati Membri għandhom, L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Regolament tal-Iżvilupp Rurali l-ġdid jinkludi miżura riveduta dwar il-protezzjoni u l-irkupru tal-foresti. Il-miżura l-ġdida tista' tipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jirrigwardaw il-prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi u tista' tipprovdi wkoll appoġġ għal azzjonijiet preventivi li jikkonċernaw organiżmi li jagħmlu ħsara u mard bil-kundizzjoni li r-riskju li jseħħ diżastru rilevanti jkun appoġġat b'evidenza xjentifika u rikonoxxut minn organizzazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi.

## Rakkomandazzjoni 2, L-Istati Membri għandhom, It-tielet inċiż

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li għadd ta' sal-vagwardji ambjentali huma diġà disponibbli fir-rigward tal-azzjonijiet appoġġjati. Pereżempju f'Natura 2000 is-sistema ta' protezzjoni skont l-Artikolu 6.2 u 6.3 tad-Direttiva dwar il-Habitats tiggarrantixxi li kwalunkwe deterjorament sinifikanti ta' dawn iż-żoni qed jiġi evitat. F'oqsma oħra, valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali se jikkontribwixxu wkoll għall-prevenzjoni ta' kontroeffetti ambjentali. Fl-aħħar nett, għall-azzjonijiet kollha li għandhom jiġu kofinanzjati mill-fondi tal-UE, jista' jkun meħtieġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ċertifikat ta' Prattika ambjentali tajba jew ġestjoni sostenibbli tal-foresti bħala prekondizzjoni għall-kofinanzjament tal-UE.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, il-prestazzjoni ambjentali tal-benefiċjarji hija fuq quddiem nett tal-implimentazzjoni tal-miżuri differenti.

## Rakkomandazzjoni 2, Il-Kummissjoni għandha, L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni diġà qiegħda timplimenta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni twettaq awditi ta' konformità fl-Istati Membri sabiex tivverifika li n-nefqa mħallsa tkun konformi mar-regoli. Jekk matul l-awditi jinstabu dgħufijiet, japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji.

Il-miżuri u l-aġenziji tal-pagamenti li għandhom jiġu awditjati huma determinati fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju. L-importanza finanzjarja għandha rwol ewlieni fil-kwantifikazzjoni tal-esponiment għar-riskju. Dan jimplika li qasam ta' awditu bi nfiq għoli għandu aktar probabbiltà li jiġi kklassifikat oġhla u soġġett għal awditu. Il-miżura 226 ġiet awditjata fl-2014 u se tiġi awditjata fl-2015.

## Rakkomandazzjoni 2, Il-Kummissjoni għandha, It-tieni inċiż

Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda timplimenta din ir-rakkomandazzjoni permezz tal-qafas legali għall-PŻR u gwida addizzjonali.

Il-miżura l-ġdida tkopri skala usa' ta' riskji u danni. Għall-perjodu 2014-2020, l-iskeda rilevanti ta' miżura li isservi bħala dokument ta' gwida tinkludi rekwiżiti dettaljati u kjarifikazzjonijiet u bħala tali jistgħu jservu ta' għodda ta' għajnuna għall-Istat Membru għal tfassil xieraq tal-miżura.

L-attenzjoni tal-Istati Membri / ir-Reġjuni kienet attirata li f'każ ta' inċertezzi rigward l-iskop tal-azzjonijiet, hemm miżuri oħrajn immirati speċifikament biex iżidu l-valur ekonomiku tal-foresti.

## 80

Skont is-sehem ta' ġestjoni, il-Kummissjoni tadotta l-PŻRs nazzjonali jew reġjonali, filwaqt li l-implimentazzjoni u l-iżgurar tal-kosteffettività u l-effiċjenza tal-appoġġ huma taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tagħhom.

Fir-rigward tal-użu ta' xogħol manwali minflok makinarju, xi kultant tali għażliet jistgħu jiġu marbuta mal-karatteristiċi tat-terren (l-orografija, l-aspetti ambjentali eċċ.) u għandu jitqies f'kuntest usa' għall-iżvilupp rurali.

### **Rakkomandazzjoni 3, L-Istati Membri għandhom, L-ewwel inċiż**

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, meta jiġu applikati l-ispejjeż standard fil-programmi, l-Istati Membri / ir-Reġjuni għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti jkunu xierqa u preċiżi u stabbiliti bil-quddiem b'mod ġust, ekwu u li jista' jiġi vverifikat. Għandu jiġi maħtur korp indipendenti biex jagħmel il-kalkoli għal kull spejjeż standard jew biex jikkonferma l-adekwatezza tal-kalkoli.

### **Rakkomandazzjoni 3, L-Istati Membri għandhom, It-tieni inċiż**

Dokument ta' gwida dwar il-kontrolli u l-penalitajiet fl-iżvilupp rurali qed jitħejja u jiġi diskuss mal-Istati Membri. L-Anness I ta' dan id-dokument jinkludi lista ta' kontroll għall-Istati Membri għall-valutazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż.

## **81**

Huwa meħtieġ bilanċ bejn l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni u l-benefiċċji potenzjali tagħhom. B'mod speċjali, fil-każ ta' kejl ta' azzjonijiet preventivi huwa diffiċli li tiġi stabbilita l-katina tal-kawżalità. Barra minn hekk, l-effettività ta' interventi tal-forestrija partikolari tista' tiġi evalwata biss wara diversi snin jew għexieren ta' snin.

Fir-rigward tal-perjodu 2014-2020, sar titjib. Pereżempju, indikatur ġdid ta' "erja appoġġata" għal azzjonijiet preventivi se jinġabru mis-CMEs (Eżerċizzju ta' Maniġġar ta' Kriżijiet). Barra minn hekk, sabiex jinkisbu riżultati ta' evalwazzjoni ta' valur, huwa previst Rapport ta' Implimentazzjoni Annwali mtejjeb fl-2019. Fil-qafas ta' dan ir-rapport, evalwazzjoni tal-PŻR se titwettagħ u l-ewwel riżultati dwar l-effiċjenza tal-PŻR se jiġu pprovduti.

### **Rakkomandazzjoni 4, Il-Kummissjoni għandha**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Xi adattamenti ġew introdotti diġà: pereżempju, l-indikaturlerja appoġġata" għal azzjoni preventiva se jinġabar mis-CMEs 2014-2020. Dan se jimla l-vojt identifikat fis- 2007-2013 CMEF.

Sabiex jinkisbu riżultati tal-evalwazzjoni ta' valur qabel, fl-2019 se jiġi introdott Rapport tal-Implimentazzjoni Annwali. Dan ir-Rapport tal-Implimentazzjoni Annwali jipprovdi valutazzjoni tar-riżultati tal-programm u, fejn possibbli, valutazzjoni tal-impatti.



## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet fpajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

### Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ([http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)).

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) pprovda appoġġ għar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija f'foresti li saritilhom il-ħsara minn diżastri naturali u nirien, kif ukoll għal azzjonijiet ta' prevenzjoni. L-awditu tal-Qorti jikkonkludi li l-appoġġ ma kienx immaniġġjat tajjeb biżżejjed u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jistgħux juru li r-riżultati intenzjonati nkisbu b'mod kosteffettiv.

L-azzjonijiet ta' prevenzjoni ma kinux immirati biżżejjed. L-awditu sab azzjonijiet li ma kinux xierqa għall-ilħuq tal-obiettivi tal-miżura. Il-kosteffettività tal-azzjonijiet iffinanzjati ma ġietx żgurata b'mod adegwat. Finalment, l-għodod ta' monitoraġġ stabbiliti ma ppermettewx lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw b'mod adegwat l-effiċjenza u l-effettività tal-miżura.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet